**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 13 ta' Ġunju 2019

Rikors Numru: 237/15 AL

**E D**

Vs

**A B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat fl-20 t' Ottubru 2015 li permezz tiegħu r-rikorrent ippremetta:

<u>Dikjarazzjoni tal-Oġġett tal-Kawża</u>

1. Minn relazzjoni bejn il-kontendenti, fis-27 ta' April 2010 twieled tifel bl-isem ta' C D B, li llum, fl-eta' ta' ħames snin, għadu minorenni [**Dok. 'A'**];

2. Ir-relazzjoni bejn il-kontendenti llum intemmet;

3. Minkejja l-isforzi estenwanti tar-rikorrenti, l-kontendenti naqsu milli jilħqu ftehim dwar l-eżerċizzju tad-drittijiet u l-obbligi tagħhom fil-konfront tal-imsemmi minorenni; dan biss sforz l-inkuranza tal-intimata versu l-aħjar interessi tal-minorenni.

4. L-imġieba tal-intimata versu r-rikorrenti u ċ-ċirkostanzi tagħha, filfatt, huma dijametrikament opposti għall-*benessere* morali u fiżiku fit-trobbija tal-minorenni C D B, u dan kif se jirriżulta aħjar matul il-kors tat-trattazzjoni ta' dan ir-rikors ġuramentat.

4. Ir-rikorrenti ġie awtorizzat jipproċedi f'din l-istanza in forza ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat 13 ta' Ottubru 2015 (Ittra nru. 1106/2014; digriet nru. 2339/2015). [**Dok. 'B'**]

5. Ir-rikorrenti jaf personalment b'dawn il-fatti kollha.

<u>Raġuni tat-Talba</u>

1. Għar-raġunijiet premessi, u peress illi l-medjazzjoni bejn il-kontendenti ma seħħitx, ir-rikorrenti ma kellu ebda għażla għajr illi jipproċedi kontra l-intimata f'din l-istanza.

Talab lill-konvenuta tgħix għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimata għandha tiġi mneħħija mill-jeddijiet kollha ta' setgħa tal-ġenitur, jew minn dik il-parti mill-istess jeddijiet, hekk kif jidrilha xierqa din l-Onorabbli Qorti, fil-konfront ta' dawk il-jeddijiet illi hija tgawdi fuq il-minorenni C D B

u dan ai termini ta' l-Artikoli 154 (1) (a) (b) u (e), jew liema minnhom, tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Tiddikjara u tiddeċiedi illi r-rikorrenti għandu jiġi fdat bil-kura u l-kustodja esklussiva tal-minorenni C D B u dan fl-interess suprem tal-istess minorenni.

3. Tordna 'lli l-minorenni C D B għandu jibda jirrisjedi flimkien mar-rikorrenti.

4. Okkorrendo, tiffissa modalità ta' aċċess favur l-intimata, għall-minorenni C D B, u dan dejjem tenut kont taċ-ċirkostanzi, filwaqt illi tiddikjara u tiddeċiedi 'lli tali aċċess għandu, f'kull każ, jiġi eżercitat b'dik il-modalità u ġewwa lok u f'ċirkostanzi idonei għall-*benessere* morali u fiżiku tal-istess minorenni.

5. Tiffissa retta alimentari dovuta lir-rikorrenti mill-intimata versu l-ħtiġijiet tal-minorenni C D B, liema somma tkun tinkludi fiha u tkopri l-kontribut dovut mill-intimata versu l-ħtiġijiet edukattivi u mediċi u versu l-attivitajiet extra-kurrikulari tal-istess minorenni u tordna lill-istess intimata tħallas dik ir-retta alimentari hekk kif stabbilita minn din l-Onorabbli Qorti, u dan skont dawk il-modalitajiet illi din l-istess Qorti jidrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi, inkluż b'inkrement perjodiku fl-istess retta alimentari versu ż-żieda fil-għoli tal-ħajja.

6. Jekk kemm-il darba din l-Onorabbli Qorti ma jidhrilix illi għandha tilqa' il-ħames talba attriċi, in kwantu din tikkonċerna l-inklużjoni tal-ħtiġijiet edukattivi u mediċi u l-attivitajiet extra-kurrikulari tal-istess minorenni fis-somma illi din l-Onorabbli Qorti qiegħda tintalab tistabbilixxi skont it-talba preċedenti, tordna lill-intimata tikkontribwixxi separatament versu l-ħtiġijiet edukattivi u mediċi u versu l-attivitajiet extra-kurrikulari tal-minorenni C D B u tordna lill-istess intimata tħallas tali kontribuzzjonijiet skont dawk il-modalitajiet illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi.

7. Tiddikjara u tiddeċidi illi kwalunkwe assistenza statali mħallsa versu l-ħtiġijiet tal-minorenni C D B tiġi perċepita mir-rikorrenti ad esklużjoni tal-intimata.

Bl-ispejjeż kontra l-intimata 'lli hija minn issa inġunta għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-intimata li permezz tagħha esponiet:

1. Illi in kwantu l-ewwel talba tal-attur, dina t-talba tirrizulta li hija wahda ghal kollox frivola u vessatorja tant illi, apparti l-fatt li ma jirrizultaw ebda wahda mic-cirkostanzi kontemplati mill-art. 154 tal-**Kodici Civili** (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta), huwa car li l-attur qieghed jadixxi tali nuqqasijiet fil-konfront tal-intimata proprju sabiex jittenta akkost ta' kollox li jaqleb dak li jinsab diga' deciz minn dina l-Onorabbli Qorti permezz tad-digrieti gustament moghtija minnha 'pendente lite'.

2. Illi sa mill-bidu nett l-attur hassu ghal kollox urtat mid-decizjonijiet moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti 'pendente lite' u fl-atti tal-medjazzjoni relattivi bejn il-partijiet tant li gieli sahansitra kellu reazzjoni pjuttost antagonista ghal dak li kien qed jigi suggerit lilu kemm mill-medjatrici fl-istadju tal-medjazzjoni u kif ukoll mill-avukata tat-tfal appuntata minna dina l-Onorabbli Qorti u dan ghaliex kien jidhirlu li kellu jkollu access ferm aktar ampju favur il-minuri C.

3. Illi kien hemm sahansitra cirkostanzi fejn, ghal kollox nonkuranti, mhux biss tad-digrieti moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti u wkoll tal-ahjar interessi tal-minuri, l-attur avvicina lill-minuri f'hinijiet barra minn dawk allokati ghall-access ezercitat minnu u filwaqt li jkellmu jsaqsih jekk xtaqx li jigi mieghu. Ovvjament agir bhal dan kien qed ikollu effett ghal kollox negattiv fuq l-imgieba tat-tifel li, apparti l-firda tal-genituri tieghu, kien qed jigi kull darba kostrett mill-attur sabiex jaghzel bejnu u bejn ommu. L-effett ta' dan kollu kien illi t-tifel beda juri imgieba stramba u li kienet,

f'waqtiet sahansitra vjolenti fil-konfront tal-esponenti u tal-ġenituri tagħha. Dan kollu diġa' ġie rez a konjizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti mill-esponenti permezz tar-rikorsi relattivi u kien in segwitu għall-istess rikorsi li dina l-Onorabbli Qorti ddekretat x'għandu jseħħ 'pendente lite' bejn il-partijiet.

4. Illi issa li jidher li dawn l-okkazzjonijiet m'għandhomx jirrepetu ruħhom l-attur dehrlu li kellu jpattiha lill-esponenti billi bl-aktar mod ingust jallega fil-konfront tagħha agir mill-aktar serju fil-konfront tal-iben meta l-istess attur jaf ben tajjeb li r-relazzjoni bejn l-omm u l-iben hija waħda idillijaka għall-aħħar bl-akbar rispett lejn il-principji sani ta' imħabba u trobbija u edukazzjoni tal-minuri.

5. Illi min-naħa l-oħra huwa l-istess attur li naqas milli jadempixxi mal-obbligi tiegħu fil-konfront tal-minuri meta ilu diversi xhur ma jivversa ebda retta alimentari favur l-istess wild.

6. Illi fir-rigward ta' x'wassal sabiex il-partijiet ma jilħqux ftehim amikevoli bejniethom l-attur jaf ukoll ben tajjeb li kienet biss l-intransiġenza tiegħu li jibqa' jirribella kontinwament u f'kull okkazjoni kemm kontra s-suġġerimenti tal-medjatriċi u kif ukoll kontra dak li mbagħad ġie deċiż minn dina l-Onorabbli Qorti 'pendente lite' li wassal proprju għal dan. Huwa sintomatiku tal-attitudni tal-attur li (i) ressaq it-talbiet tiegħu sabiex ikollu aktar access fil-konfront tal-minuri biss wara li l-esponenti talbet li jiġu rispettetti min-naħa tiegħu id-drittijiet tal-minuri għall-ħlas tar-retta alimentari dovuta lilu u (ii) illi fl-istadju tal-medjazzjoni fl-ebda mument ma saret ebda forma ta' talba da parti tal-attur sabiex il-kura u l-kustodja tal-minuri tiġi fdata lilu u 'multo magis' ma tressqet ebda raġuni sabiex l-esponenti tiġi eskluża mill-jeddijiet kollha ta' setgħa tal-ġenitur. It-talba tal-attur kienet dik li jkollu aktar 'sleepovers' għandu mal-minuri u baqa' jinsisti fil-posizzjoni tiegħu sa wara li ġiet intavolata l-kawża odjerna anke fil-presenza tal-avukat tat-tfal ukoll meta ġie mfisser lilu bl-aktar mod ċar li aktar 'sleepovers' miegħu matul il-ġimgħa jkunu ta' detriment għall-interessi tal-minuri.

7. Illi in vista tas-surreferit u wkoll ta’ dak kollu li gie diga’ rez a konjizzjoni ta’ dina l-Onorabbli Qorti permezz tar-rikorsi ghal talbiet ‘pendente lite’ prezentati mill-esponenti, l-esponenti hija tal-umli fehma li:

i. Il-kura u l-kustodja tal-minuri ghandha tigi fdata esklussivament lilha,

ii. Il-minuri ghandu jirrisjedi maghha ad eskluzzjoni tal-attur,

iii. Li l-attur ikollu dritt ta’ access skont kif jinsab diga’ determinat permezz tal-istess digrieti moghtija ‘pendente lite’.

iv. Ghandha tigi ffissat retta alimentari li tkun dovuta mill-attur favur il-minuri C skont kif jinsab diga’ determinat permezz tad-digriet relattiv ‘pendente lite’ liema retta alimentari ghandha tinkludi wkoll li l-attur ihallas nofs l-ispejjez tal-medicina kollha u relattivi ghall-edukazzjoni kollha, inkluzi attivitajiet ‘extra kurikulari’, tal-istess minuri b'zidiet in linea mal-gholi tal-hajja.

8. Illi f’dan ir-rigward l-esponenti qed tintavola wkoll kontestwali rikors guramentat ghad-debita salvagwardja tal-interessi u drittijiet legali taghha u tal-minuri.

9. Illi rigward it-tieni talba attrici, l-esponenti tikkontendi illi l-attur m’huwiex fil-kundizzjoni li jigi fdat lilu l-kura u kustodja tal-minuri C u dan ukoll minhabba ragunijiet serji li diga’ jinsabu accennati hawn fuq u li ser jirrizultaw aktar ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

10. Illi fi kwalunkwe kaz il-hames talba ma tistax tigi milqugha kif dedotta u dan in vista tal-fatt illi l-wild minuri m’huwiex debitament rapprezentat f’din il-procedura.

11. Illi ghaldaqstant it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-istess attur.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Rat illi fil-verbal tal-udjenza tat-18 ta' Ottubru 2017 , din il-Qorti ordnat illi l-provi kollha li nstemgħu fil-kawża numru 237/15 jagħmel stat ta' prova wkoll fil-kawża numru 255/15 u viċe versa.

Rat l-affidavits kollha ppreżentati, u d-dokumenti magħhom annessi.

Rat il-verbali, ix-xhieda prodotti u d-dokumenti esebiti fis-seduti miżmuma quddiem il-Perit Legali Dottor Anna Mallia ;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-rikorrent ippreżentata fit-3 ta' Settembru 2018 ; u n-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimata ippreżentata fis-27 ta' Novembru 2018 ;

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali Dr Anna Mallia , debitament maħlufa nhar il-11 ta' Jannar 2019 fejn hija esponiet is-segwenti:

- Omissis -

Provi Attur

Fl-affidavit tiegħu l-attur (fol 109 et) xehed li l-partijiet damu madwar disa snin limkien. Il-konvenuta kienet tiddeskrivi r-

relazzjoni ta’ bejniethom bhhala wahda ‘perfetta’ u kienet issostni li huwa habbha u rrispettaha hafna aktar minn ommha u missierha. Fis-27 ta’ April 2010 kellhom tifel C u d-dar li kienu xtraw flimkien kienet ghadha mhix lesta u daqqa kienu joqghodu mal-familja tiegħu u daqqa mal-familja taghha sakemm lestew id-dar.

Il-problemi bdew meta marru jghixu flimkien u dan għaliex beda johrog fil-berah il-vera karattu tal-konvenuta – kienet issir aggressive au vjolenti kull darba li ma jirnexxielhiex tiehu dak li kienet tixtieq. Darba minnom dahal id-dar u ra lit-tifel jibki u jwezaq u lil konvenut kokka u distrutta mal-art. Kif kien sejjer biex jikkoregi lit-tifel hija marret tigri warajh u taghtu daqtejn ta’ ponn. Hija staghgeb bdin ir-reazzjoni. Huwa jiftakar li l-konvenuta spiccat gieli tixrob tazza shiha vodka sabiex tisvoga.

L-attur jghid li kien igorr hafna mil-piz finanzjarju tal-familja wahda – ihallas nofs il-loan, l-kontijiet kollha tad-dar, l-loan tal-karozza taghha, l-licenzji u l-insurances tal-karozzi taz-zewg partijiet u x-xirjiet ta’ kull xahar. Kien anke jahsel il-hwejjeg u jnaddaf u l-konvenuta ma kienet tghinu xejn. Spicca jiehu hsieb id-dar u l-finanzi wahdu.

Huwa jghid li l-Masters fil-counselling l-konvenuta setghet ghamlitu Malta izda ghazlet li taghmlu barra minn Malta u kien ikollha tmur għal-lectures għal minn tal-inqas tlett ijiem fix-xahar. It-tifel kien ihoss in-nuqqas ta’ ommu peress li dak iz-zmien kien ghad għandu biss sena. Tant li meta kienet tirriforna Malta t-tifel kien ikun attached hafna maghha u ma kienx ihalliha ticcaqlaq frott tal-biza li kellu li ommu kienet se titilqu. Izda minkejja li kienet taf li t-tifel qed ihoss hafna in-nuqqas taghha hija xorta kompliet ssiefer. Darba kienet iddecidiet li tattendi youth exchange ma group ta’ nies ohra liema exchange dam madwar

gimgha u din is-safra halliet impatt negattiv fuq it-tifel tant li kien isibha very difficli sabiex jikkalmah u jftehmu li ommu kienet siefret għal ftit zmien biss. Huwa għalhekk kien issugerilha li sakemm it-tifel jikber ftit hija ma tergax issiefer wahedha. Izda hija injorat dan u siefret darbtejn ohra – darba gimgha camping l-Finlandja meta hija kienet tqila bit-tieni tarbija izda wara korriet. It-tifel kien iqatta hafna hin mieghu u kellu relazzjoni tajba hafna mieghu.

It-tifel kien jibqa li ommu ser terga ssiefer u huwa kien jissuferixxi li raqduh maghhom mqar sakemm jghaddilu ftit izda hija dejjem irrifjutat u sforzatu jorqod fil-kamra tiegħu wahdu. Darba minnhom kien qam tlett darbiet matul il-lejl izda xorta wahda baqghet tirrijuta li traqdu maghhom. Dak il-lejl stess it-tifel rega qam u mar hdejhom izda waqa u spicca habit wiccu mas-sodda u kellhom jiehdu l-klinika ta' Rahal Gdid u wara anke l-isptar. Il-konvenut bdiet thossa hatja għal dak li gara u anke taha hass hazin u huwa spicca jiehu hsieb lit-tnejn fl-istess hin.

Hija jghid li Fkollega tal-konvenuta kienet issemmih ta' spiss bhala li kien jiftah qalbu maghha. Darba kien qed jaralha l-mobile u fuq l-whatsApp taghha huwa qara messaggi bejnha u Fxejn sbieh dwaru. Hija ammettiet mieghu li harget wahedha tiehu drink mieghu sabiex jitkellmu. Huwa riedha twaaqaf dan il-kuntatt mieghu izda hija ma taghtux widen. Huwa jaf li dan Fhuwa maghruf bhala 'playboy' u anke kien stqarr dan Fli l-konvenuta kienet psychologist li għandha bzonn psychologist. Huwa ssugerilha li jmorru għal couple's therapy izda hija ma ridietx taf.

Minkejja diversi tentattivi tiegħu biex isalva r-relazzjoni din intemmet f'Marzu 2013 wara li l-konvenuta baqghet issostni li riedet esperjenzi godda. Meta huwa qallha li kien inkwetat

minhabba t-tifel hija qaltlu li ma kellux għalfejn jinkwieta perss li din ma kienetx fi kliemha ‘ a bid deal’ u li ‘C is young and he will forget and it will not have any effect.  He has many significant others.’  Skond l-attur dan juri bic-car li l-konvenuta qatt ma qieset l-effetti reali li din il-firda kien se jkollha fuq it-tifel.

Wara li nfirdu l-konvenuta inbidlet u jiftakarha tghid li hija kellha diversi rapport ma rgiel differenti u li għaliha kienet xi haga normali li persuna jkollha hames relazzjonijiet ma’ irgiel differenti fiz-zmien qasir ta’ xahrejn.  Huwa jiftakar li darba minnhom l-konvenuta kienet anke ddikjarat li kienet marret għand Ftfittex rapport sesswali għaliex fi kliemha jekk ma jkunx huwa jkun haddiehor u kienet thoss li ma setghetx toqghod minghajr rapport sesswali.  Skond l-attur l-konvenuta kienet issostni li ma riditx relazzjoni ghax hija ma kienetx ta’ ‘ relationship material’ izda riedet biss li ‘tuza u tigi uzata’.  Minhabba f’hekk it-tifel gie espost għal diversi rgiel differenti fi zmien qasir hafna liema sitwazzjoniji ma setgħat qatt taghmillu gid.  Hija kienet tiehu lit-tifel fil-Youth Club tal-Birgu għalkemm it-tifel ma kien ikun irid imur u kawza ta’ dan it-tifel spicca gie espost għall-imgieba hazina ta’ uhud minn dawn iz-zghazagh u gieli anke qal kliem li ma huwiex xieraq u li kien sema hemmhekk.  Ir-reputazzjoni hazina tal-konvenuta kienet anke waslet fuq il-post tax-xoghol taghha u fil-‘Youth Club’ tal-Birgu tant li gieli sabet liem u tpingijiet provokanti fuq l-karozza taghha liema kliem u tpingijiet kienu jindirizzaw lilha.   F’din l-karozza kien jirkeb fiha C ta’ kuljum.

Meta darba minnhom l-konvenuta qaltlu li t-tifel wegga saqajh u huwa beda jcempel biex jara kif inhu u jkelmu hijab diet taqtaghlu u tibnghatlu l-messaggi biex jieqaf icempel ghax inkella jqajjem it-tifel.  Izda fir-realta hija kienet harget u t-tifel hallietu għand ommha.  Mieghu kien hemm G D u kienu raw lil konvenuta tirritorna d-dar waqt li kienet qed tghidlu li kienet

hdejn it-tifel.  Omm l-konvenuta kienet ikkonfermatlu li l-konvenuta kienet harget.

l-attur jghid li wara li l-partijiet infirdu l-konvenuta għall-ewwel maret toqghod fid-dar ta' Ffil-gudja flimkien mat-tifel u ghamlet xahar toqghod hemm.  Dan ghamlitu minkejja l-protesti tiegħu. F'dak iz-zmien huwa nnota li t-tifel kien qed jghid certu affarijiet kontrih bhal 'il papa injorant' u biex ' ma jhobbnix' liema kliem kien qed jirrepeti wara li jismaghhom mingħand n-nanniet materni tiegħu.

Dwar l-ispejjez tat-tifel kienu qablu li dawn jithalsu nofs bin-nofs bejniethom u kienu flessibbli dwar il-minuri. Kien f'dan iz-zmien li l-attrici qaltlu li kellha bipolar disordet liema kundizzjoni kienet taffetwalha l-burdata tant li anke kienet ikkunsidrat taghmel suwicidju.  Huwa dejjem hallas sehemu ta' tali spejjez u hadha bi kbira meta hija talbitu jhallas il-manteniment.  Sa' Frar 2015 ir-relazzjoni ta' bejniethom kienet wahda anikevoli u fil-medjazzjoni kienu qablu fuq kollox inkluz l-aċċess u l-manteniment.

Izda fi Frar 2015 l-konvenut cemplitlu biex tghidlu li t-tifel kellu bzonn jara psychologist minhabba l-atteggjament tiegħu li hija sostniet kien vjolenti.  Huwa qatt ma ra lit-tifel jagixxi b'mod vjolenti jew tah problemi.  Hija wkoll waqfet l-aċċess li kellu u kellu jirrikorri għal Qorti.  Fil-frattemp il-konvenuta hallietu jara lit-tifel siegha biss fil-weekend waqt li kien ikun l-bandli u dan minkejja li t-tifel kien ikun jixtieq imur ma missieru izda hija ma kienetx thallih. Lanqas f'gheluq snin l-attur ma hallietu jmur mieghu. U riedet li hija tkun prezenti l-hin kollu waqt din is-siegha.

Darba minnhom kien qieghed jitenna lit-tifel jispicca mil-iskola u meta ra li l-konvenuta kienet ghadha ma maggietx tibru huwa iddecieda li jigbor it-tifel.  Ftwara tfaccat u ghamlet xenata quddiem it-tifel tant li t-tifel beda jibza u kellu jhallieh biex ma jweggax ghax bdiet iggebbed it-tifel.   Huwa nnota li t-tifel kien ikollu certi feriti u injuries u kien jiehu ritratti taghhom bizz.  Huwa jghid li zbalja ma radux għand tabib biex jaghmillu ċertifikat mediku.

Meta t-tifel kelmitu Carmen Sammut l-psikologa hareg bic-car li l-imgieba hazina allegata tat-tiefel ma hix karzata minnur.  It-tifel ihossu komdu mieghu u fi tmiem l-aċċess it-tifel ma jkunx irid imur ma ommu.  It-tifel jghixlu li jrid jregga lura ghar-rutina li kellhom fejn kien iwasslu l-iskola u jqattghu aktar hin flimkien.  It-tifel jghidlu li n-anniet maternal jghidu kliem kontra tiegħu li jwegga anke lit-tifel.  Li tt-ifel wara l-iskola tmur għalih ommu  u tiehdu x-xoghol u wara tiegħu għan n-nanna biex aktar tard terga tigbru minn hemm u tiehdu d-dar.  għand in-nanna ma jsib lil had min jilghax mieghu u skond it-tifel n-nanna ‘tisthi u ma tiafx tilghax mieghu’.  Ix-xoghol tal-iskola anqas  ma jsir u t-tifel hafna drabi jispicca jqatta hafna hin jilghax fuq it-tablet jew jara t-tlevizjoni u gieli thallas jara affariijiet fuq it-televizjoni li ma humiex adattati għalih.   Ricentament meta kien imsiefer mat-tifel it-tifel qallu li nannuh U sabiex jikkoregih qabdu minn idu hadu go karma ohra u tant ghafsu li wegghu.  Meta qal dan lil ommu ommu ma emnitux u qal dan lil spikologa Carmen Sammut.

L-attur jghid li t-tifel ammetta mieghu li gieli ma joqghodx bravu u meta jigri hekk ommu anke gieli taghtu daqqa fuq wiccu u qalbitu mal-art bid-daqqa filwaqt li n-nannu matern darba qallu li jekk ma joqghodx bravu had ma kien ser ihobbu u ommu anke qaltlu li huwa ‘għandu monstru f’qalbu’ li qed jikkontrollalu r-rabbja li għandu.  It-tifel imwegga b’dan u mieghu t-tifel dejjem joqghod

kwiet u anke l-iskola l-għalliema tiegħu dejjem iddiskrevewh bhala intelligenti, bravu, tifel li jobdi u ferriehi.

Skond hu l-problema ma tinsabx fit-tifel – hija l-konvenuta li twahhal fih għal dak kollu li jkollu t-tifel.  Hekk ghamlet fir-rikors taghha tat-23 ta' Lulju 2015 u spjega li mhux minnu li huwa ma kienx qabel li t-tifel jiehduh għand child psychologist izda xtaq li jistennew gimghatejn wara li kien kellem it-tifel u weghdu li ser ikun ahjar, biex jaraw sarx kambjament izda hija qabdet u prezentat rikors għal child psychologist u l-Qorti hatret lil Carmen Sammut .

Huw ajilmenta li l-konvenuta dejjem trid taghti lit-tifel xi label.  Meta t-tifel ikun mieghu huwa ma jkunx agressiv u jkun ferriehi vivaci u seren u li huwa ma juzax punshments izda juza behavior chart fejn jikkumpensa l-imgieba tajba tiegħu u hu jahdem sabiex ikollu aktar points.  Din hija l-istess Sistema uzata fil-klassi tiegħu fejn it-tifel għandu full points.

It-tifel skond hu huwa dejjem intimidate minn ommu u għal kull haga li tghid huwa kien ibaxxi rasu.  Kien fiz-zmien meta kien qed ikun imcahhad minnu li kien jisma kliem kontrih li beda jirrealizza min fil-verita jixtieqlu l-gid u lest li jaghmel kollox għalih.  Ftit ftit beda jirribella kontra ommu u llum il-gurnata jippreferi li jkun mieghu tant li meta ccempel ommu sabiex tkelmu huwa ma jkunx irid ikellimha avolja huwa jinsisti biex ikellem lil ommu fuq it-telefone.  L-istess gara meta kien imsiefer bit-tifel.

Skond hu l-konvenuta mhix role model tajba ghax hija traskurata, irresponsbbli tant li evadite it-taxxa u hadmet bla ktieb.  Hja ma jimputahiex mit-tfel tant li meta t-tifel kellu jmur l-

isptar sabiex jaqla zewg sinniet hija lanqas indenjat tmur hdejh l-isptar.  Hija ma kienetx kapaci tamministra l-finanzi taghha kif suppost u huwa kemm-il darba kellu jaghmel tajjeb għalihom.  Il-familja tal-konvenuta ma jmorrux tajjeb ma xulxin u dan qed ihalli impatt negattiv fuq it-tifel.  Ommha u missierha jiggieldu ta' spiss u ommha qatt ma fdatu lil zewgha u anke qabdet private investigator isus warajh u meta sar jaf huwa heddida li jaqtalha rasha u jwahhalha mal-bieb ta' barra u bezaq fuq is-santi tal-mejtin tal-familjari taghha. Dakinhar l-konvenuta telqet minn fuq ix-xoghol biex tiehu t-tifel għand l-familja tiegħu.  Oht il-konvenuta kienet ukoll ghamlet uzu mid-droga.  Wara li hasru l-familja taghha marru quddiem id-dar tla-ġenituri teighu u bdew jghajjru lil familtu u lilu.  Anke wara li spiccaw fil-5 ta' Dicembru 2015 wara li kien mat-tifel oht il-konvenuta H ghodda ghaddiet bil-karozza minn fuqhom u darba ohra l-istess ohtha bdiet tghajru mil-gallarija meta huwa mar biex jigbor it-tifel.

Skond hu t-tifel huwa ferhan hafna meta jkun mieghu u bejnu u t-tifel qatt ma kien hemm problemi.

Sena wara l-attur ipprezenta affidavit iehor (seduta 14.6.2017) li tista tghid irrepeti dak li diga ssottometta fl-ewwel affidavit u pprezenta diversi dokumenti biex jikkumbatti dak li l-konvenuta qed tallega dwaru.

l-attur jghid huwa mhux stalker u jekk jiltaqghu ma xulxin dan ghax ir-residenza tiegħu u tal-ġenituri taghha jinsabu fl-istess lokalita ftit metri biss boghod minn xulxin.  Inoltre hija inkitbet fl-istess group tat-trainin talmarital arts fejn kien imur hu.  Huwa gieli ra xi membri tal-familja taghha isusus warajh meta jkun mat-tifel.  Darba minnhom kien ha t-tifel party li kellu ma xi tfal ohra gewwa l-Gallarija l-Fgura u hija giet ma' missierha ifitxuh.  Anke

marret ohtha H fuq l-post tax-xoghol tal-partner tiegħu il-Krea biex turih li taf ma min kien qed johrog.

Huwa jichad li xi darba ma gabx ruhu sew maghha u meta hasru fil-bidu kellhom relazzjoni tajba tant li kienet tiftah qalbha mieghu u qaltlu li tbaghti minn bipolar disorder. Huwa jallega li l-konvenuta ma tiehux hsieb it-tifel, ma thallihx nadif, u ma tantx tiehu hsiebu specjalment fejn tidhol sahha. Difatti it-tifel thasrulu diversi snin meta t-tifel kien that il-kura taghha tant li kellu bzonn jaqla tlieta minnhom u wahda minnhom kellha tigi maqlugha l-isptr Mater Dei u għalkemm il-konvenuta kienet taf b'dan hija ma marrietx tarha l-isptar. It-tifel huwa intimidate u jhossu sottomess minn ommu u dan hareg mir-rapport tal-psikologa Carmen Sammut. Huwa jghid li hija gidba li t-tifel ipprova jwegga lilu nnifsu u lanqas dan ma hareg mir-rapport ta' Carmen Sammut. Huwa jichad li pprova jara t-tifel meta kellu ordni tal-Qorti biex ma jaghmilx dan u meta rega beda jara lit-tifel dan ghamlu bi ftehim maghha. Skond hu l-konvenuta dejjem rat kif ghamlet biex il-qerq u l-gideb taghha lit-tifel iccahdu minnu u mil-persuni li jhobbuh u li hu jhobb. Meta talab biex izomm it-tifel għal aktar hin huwa dejjem ghamel dan fuq insistenza tat-tifel li jkun imwerwer minn ommu u għalhekk ma kienx jitlobha hu. Skond hu t-tifel jippreferi joqghod mieghu milli ma ommu.

Huwa jichad li ma jhallix lit-tifel jaghmel kuntatt ma' ommu meta jkun mieghu tant li hija stress ammettiet li ma thobbx iccempel lit-tifel meta jkun mieghu ghax it-tifel ma jkunx irid ikelimha. Huwa jghid li jcempel lit-tifel darba jew darbtejn kuljum u t-tifel dejjem jiehu pjacir meta jcempillu missieru. Huwa jghinlit-tifel fil-homework mentri għand ommu ma hemm had min jghidnu min nanniet. Huwa jghid ukoll li omm it-tifel twassal it-tifel siegha jew tlett kwarti kmieni għal xejn b'xejn. għal konvenuta t-tgħanniq u bews u kliem bhal I love you u I miss you huma fsied u mingħandha t-tifel dawn ma jarahomx.

Dwar l-attivitajiet extra-kurrikulari tat-tifel huwa jattendi għal dawn l-attivitajiet anke meta ma jkunux fil-hinijiet tal-aċċess tiegħu ghax huwa dedikat lejn ibnu.

Huwa semma diversi episodji ohra biex jipprova li l-konvenuta mhix omm denja fosthom li darba marret tigbor lit-tifel b'riha qawwija ta' alkahol fuqha, u dan meta hija tiehu medicina Willbutrin li kapaci thalli side effects koroh meta mhalta mal-alkohol, l-partner taghha sikwit jorqod id-dar taghha fil-prezenza ta' ibnu u ibnu qallu li gieli jqum f'nos ta' lejl u jmur jorqod bejniethom u huwa jogezzjoni għal dan;  kif mhux sew li hija tiehu lit-tiel l-iskola kmieni fis-7.30am meta huwa jista jiehdu l-iskola hu fi x'hin tibda l-iskola, huwa jideskrivi l-aċċess prezenti tiegħu bhala gagga fejnkulhadd jista jara lil ibnu meta u fi x'hin irid barra huwa u l-ġenituri tiegħu.

Huwa pprezenta diversi dokumenti biex jipprova li l-konvenuta mhix omm idoneja li tiehu hsieb lit-tifel.

In kontro-ezami (seduta 21.2.2018) l-attur xehed li ghadu jemmen li l-konvenuta mhux omm tajba ghax omm tajba ma taghmilx restrizzjonijiet għal ġenitur l-iehor biex jara t-tifel aktar. Spjega li kien hemm cirkustanzi fejn huwa mar jara lit-tifel jaghmel xi sports u ghax mar hemmhekk jarrah hija ghamlitlu diversi rapport l-pulizija.  Illum mhux qed imur u jarah fil-granet tal-aċċess u kein hemm drabi f'events extra kurrikulari fejn attenda huwa wkoll.  Huwa jhossu ristrett minhabba li jhoss li għandu jmur jaa t-tifel sejjer l-iskola u ntih bewsa u tgħannieqa.

Huwa jammetti li kien hemm problema li eskalat pero huwa lit-tifel qatt ma rah bi problem u jichad li huwa ma qabilx li t-tifel

jarah child psychologist.  Lil qallha kien li huwa ma jara ebda problema fit-tifel izda hija interpretata b'mod differenti u ghamlet rikors.  Huwa joqghod is-Swatar u jahdem Trelleborg u ser ibiddel ix-xoghol.

A fol 159 l-attur iddikjara li jahdem mal-Actavis li tinsab Bulebel.

In subizzjoni il-konvenuta (fol 79 et) xehdet li huma damu jghixu flimkien sentejn u nofs wara li twieled it-tifel.  Hija tammetti li kienet issiefer fuq xoghol u stidju.  Darba siefret xi gimgha u darba ohra bhala youth exchange.  Hija siefret disa darbiet ghad-diploma li kienet qed taghmel diploma Counselling f'Wales u dan kien ikun fil-weekend u tnejn.  Hija gieli tellghat it-tifel maghha wkoll u xi darbtejn minnhom meta l-partijiet kienu ghadhom qed jghixu flimkien.

Meta hija kienet tkun imsiefra it-tifel kien ikun fdata mal-ġenituri tal-partijiet u mal-attur.  Gieli raqad għand in-nanniex u kien hemm drabi li raqad mal-attur.

F'Marzu 2013 l-partijiet hasru u hija maret tghix ma' ommha. F'Awissu 2015 hija telqet mingħand ommha u marriet tghid il-flat li xtrat fiz-Zejtun fejn ghadha tghix sal-lum.  Wara li hasru f'Lulju/Awissu 2013 hija ghamlet zmien tghix fid-dar ta' habib taghha FMuscat li kien tahilha bi pjacir ghax kien imsiefer biex tehodlu hsieb il-kelba.

Minn meta hasru f'Marzu 2013 sa meta t-tifel kellu erba snin il-partijiet kienu ftehmu li l-attur ikollu aċċess it-Tenjn fil-5.30pm jew 6pm sal-ghada t-Tliet au jwaslu l-iskola izda t-tifel kien jghidilha li jmur għand in-nanna u n-anna twaslu l-iskola; nhar ta' Erbgha fl-istess hin sal-ghada l-Hamis u l-gimgha jigbru mill-iskola u jibqa mieghu sas-6pm dakinhar stress. Fil-weekend kien

jagheml tlett sieghat mieghu s-Sibt u tlett sieghat mieghu l-Hadd. K0attur ma kienx irid sleepover fil-weekend.

Hija tahdem l-Mcast fic-child care Centre mit-7.45am sal-4.45pm u bdiet fi Frar 2016. Xoghol iehor għandha mal-Equal Partners Foundation nhar ta' Tlieta mil-5.30pm sas-7.30pm u l-Hamis mil-5.15pm sas-6.45pm u fil-weekend igmha hija tahdem l-Gimgha mis-7pm jew 8pm sa' nofsil-lejl u l-gimgha ta' wara is-Sibt fl-istess hinijiet u dan meta t-tifel ikun ma' missieru. It-tifel tiehdu l-breakfast club u tigbru ommha wara l-iskola. Il-homework jaghmlu mal-ġenituri taghha u gieli jkompluh flimkien. Reading u practice dictation xorta jaghmluha flimkien.

A fol 80 hija ammettiet li qeghda f'relazzjoni u qatt ma jkun hemm bews u tgħannieq quddiem it-tifel u bit-tifel hija qatt ma siefret mal-partner taghha.

Hija sahqet li tara li l-hinijiet tax-xoghol taghha fil-weekend ma jkunux meta jkollha t-tifel maghha. Hija ammettiet li lill-attur kienet qaltlu li tahseb li għandha Bipolar Disorder u marret għand l-psikjatra Dr N Dimech u kien qallha li ma għandhiex Bipolar disorder. Hija tiehu Wellbutrin għal anxiety u tension.

Omm il-konvenuta I B (seduta 17.1.2017) prodotta mill-attur xehedet li t-tifel C hija zzommu t-Tlieta , l-Erbgha u l-Hamis minn wara l-iskola sakemm tasal ommu mix-xoghol. Hija tigbru mill-iskola fis-2.20pm u xil-4.45pm l-5pm ommu tmur għalih. Dan isir regolarment u meta t-tifel ikun ma jiflahx hija zzommu sakemm it-tifla tkun xoghol u gieli jkollha tiehu l-off. Fil-holidays ukoll meta t-tifla ma tkunx xoghol, Monday u Friday tmur għalih ommu tiehu maghha x-xoghol. Bil-lejl meta gieli jorqod għandha torqod mieghu l-konvenuta ommu wkoll.

Fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2017 hija kompliet tixhed li t-tifla tahdem part time f'restaurant li mingħaliha jismu Cellini u li jinsab n-Naxxar u dan taghmlu biex tlahhaq mal-ispejjez u dan ix-xoghol taghmlu meta t-tifel ikun ma' missieru. Hija kkonfermat li meta bintha tiehu t-tifel ix-xoghol hija tiehdu mis-2.30pm x'hin jispicca l-iskola sal-4.45pm x'hin tispicca u dan fl-ufficcju taghha l-Mcast. Id-dar jghidxu hi u r-ragel biss ghax it-tifla l-ohra H ilha mil-Milied li ghadda li telqet mid-dar. Hija ma tafx jekk it-tifla ghadhiex tahdem mal-Equal Partners Foundation.

Fis-seduta tat-8 ta' Lulju 2017 I B kompliet tixhed li omm l-attur gieli cemplitilha u dawn kienu generic ghax gieli hargu flimkien, izda telefonata minnhom li spikkat kienet meta cemplitilha omm l-attur u qaltilha li l-attur kellu xi jghid ma missieru u mar tefghu l-art lil missieru u qaltilha nitlob l-Alla li lit-tifel ma thallihx wahdu mieghu ghax taqbizlu c-cinga malajr. Dan gara ftit wara li twieled it-tifel. Hija qaltilha li l-attur minn dejjem kien hekk u darba lil ohtu J ghax haditlu xi haga tefgħalha kuccarina u kellha taghmel operazzjoni f'ghajnejha.

Dwar l-okkazjonijiet li kien hemm fejn l-attur ma mexiex sewwa mat-tifel hija semmiet okkazjoni fejn hargu jieklu u t-tifel beda jibki u E l-attur beda jipprova jaghtih l-bottle u t-tifel ma riedux u baqa jibki. Zewgha mar biex jehodlu l-bottle u E beda jhezzu lit-tifel u darba ohra meta l-attur mar jorqod għandhom u t-tifel beda jibki u l-attur beda jhezzu u mar hadulu zewgha u kienu raqdu t-tifel hdejhom. Ricentement skond hi t-tifel beda jsawwatha hafna lil ommu u xi darba jew darbtejn kien sawwat lil zewgha wkoll. Anke meta jkun sejjer ma missieru t-tifel kien jaghti bil-ponn u jigref wiccu u jghid li hadd ma jhobbu. Bintha haditu għand psychologist u t-tifel impruvja hafna.

K L (seduta 21.3.2017) prodott mill-attur xehed li mhix affair tal-attur meta mistoqsi x'inhi r-relazzjoni tiegħu mal-konvenuta izda xehed li mat-tifel tal-partijiet gieli iltaqa kemm gewwa d-dar tal-konvenuta u kemm barra fil-playgrounds. Meta johorgu huwa ma saqsihiex fejn thalli t-tifel. Huwa cahad assolutament li qatt raqad għand l-konvenuta meta t-tifel ikun id-dar. Skond hu 'we made it a point li dan qatt ma jkun.' It-tifel gieli mar maghhom jogging fil-grounds tal-Marsa. Ir-relazzjoni mal-konvenuta spiccat sena u tlett xhur ilu.

Fl-affidvit taghha M D (seduta 14.6.2018) omm l-attur spjega li binha ghamel zmien jhorg mal-konenuta izda wara xi zmien hija ma riditx taf aktar u riedet li jnfurdu. Binha xtaq jirranga r-relazzjoni ta' bejniethom u hija ma rieditx. It-tifel tal-partijiet C kien ghadu se jaghlaq it-tlett snin. Meta t-tifel kien ghadu tarbija hija ta' spiss kienet tiehu hsieb it-tifel flimkien ma' zewgha u dan meta l-partijiet kienu jkunu xoghol. F'dawn is-seba xhur om mil-konvenuta kienet qeghda tirkupra minn operazzjoni tal-katarretti u għalhekk l-ghajnuna taghhom mat-tifel zdiedet u anke E cioe binha binha jiehu hsieb lit-tifel aktar ta' spiss.

Izda meta indirdu s-sitwazzjoni fir-rigward tat-tifel ma bdietx sejra tajjeb. Fil-fatt binha kien ghamel xi tlett xhur ma jarx lil Matthisa u lanqas huma ma setghu jarawh. Hija pprovat ttejjeb is-sitwazzjoni ta' bejniethom u anke pprovat tistieden lil konvenuta biex iggib it-tifel taghha għal birthday tal-attur missieru izda hija qaltilha li riedet tiehu parir mingħand l-avukat u sfortunatament it-tifel qatt ma gabitu.

Illum is-sitwazzjoni tjiebet xi ftit izda xorta wahda lil C ghadhom jarawh ftit wisq. Huma jarawh biss meta E ikollu l-aċċess u ricentement it-tifel xtaq jorqod għandhomx u hija qaltlu biex isaqsi lil ommu izda C mill-ewwel qallha li kien diga saqsha lil

ommu u qaltlu li lin-nanniet jista jarahom biss meta missieru jkollu l-aċċess.

Hija tghid li binha cioe l-attur huwa tifel rizervat u kwiet u minkejja dak li tghid l-konvenuta huwa dejjem kien ta' support għaliha tant li kien jibghatilha l-love notes.  Hija tghid li mhux sew li minhabba n-nuqqas ta' A qed ibaghtu E u C.

Omm l-attur tkompli tghid li binha dejjem gab l-interessi ta' C l-ewwel izda l-konvenuta dan ma taghmlux bhal meta f'Sajf minnhom hija baqghet tinsisti li C imur jghum il-post anke jekk huwa ma riedx minkejja li li swimming instructor irrifjuta li jisforzah jghum meta kien car li t-tifel ma riedx.  Hija tistaqsi għaliex huma bhala nanniet tiegħu igawdu lit-tifel anqas minn nanniet materni tiegħu.

Hija tghid li l-konvenuta ma għandhiex relazzjoni tajba ma' ommha u darba minnhom hija kienet gabet lil C id-dar ghax hija u ommha kellhom glieda tahraq u ma riditx it-tifel ikun jaf x'inhu jigri.  Hija tghid li om mil-konvenuta għandha problema ta' xorb u darba minnhom ommha waghet quddiem l-attur meta hija kienet wahedha ma' C minhabba x-xorb li kellha fuqha.

In kontro-ezami M D (seduta 8.7.2017) xehdet li quddiemha l-konvenuta qatt ma ratha tkun vjolenti izda darba t-tifel qallha li taghtu daqqa fuq wiccu.  Hija gieli cemplet lill-omm il-konvenuta izda ma tkellimhiex fur ir-relazzjoni taghha ma' binha l-attur.  Hija cahdet li qalet lill-omm l-konvenuta biex meta E l-attur ikun mat-tifel toqghod attentat.

Fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2017 xehed N D missier l-attur li r-relazzjoni bejn l-attur u ibnu hija tajba hafna , eccellenti. Lil konvenuta jafha u gieli ra mat-tifel pero ftit kienu l-okkazjonijiet. Anke r-relazzjoni tat-tifel ma' ommu hija wahda tajba.

Fis-seduta tas-17 ta' Gunju 2018, O P xehed bil-gurament li huwa kien johrog mal-konvenuta mis-Sajt 2006 sal-bidu tas-sena 2007. Huwa fis-Sajf tas-sena 2008 rega beda jarha bhala hbieb biss u kienu jiltaqghu għal drinks hafna drabi. Hija kienet stqarret mieghu li kienet qed taghmel uzu minn diversi sustanzi izda ma qaltlux dawn f'hiex kienu jikkonsistu izda hija 'described hallucinations as one of the side effects'. Jghid ix-xhud. Minn dakinhar ftit li xejn kienu jiltaqghu sakemm huwa halla Malta fil-bidu tas-sena 2011 u minn dakinhar ma kienx hemm kuntatt bejniethom.

Provi konvenuta

Fl-affidavit taghha (fol 64 et) l-konvenuta tghid li r-relazzjoni taghhom bdiet f'Marzu 2004 meta hija kellha tmintax-il sena u kienet ghadha studenta tal-psikologija l-Universita ta' Malta. L-attur kellu wiehed u ghoxrin sena u kien jahdem accounts clerk. Fis-sena 2007 huma xtraw appartament flimkien u fis-sena 2009 hija harget qila bit-tifel liema tarbija ma kienetx pplenjata. Meta gara hekk l-attur iffoka jlesti l-appartament li kienu xtraw shell filwaqt li hija iffukat tipprepara ghat-tarbija.

Meta twieled it-tifel C l-partijiet kienu ghadhom jghixu separatament għand il-ġenituri rispettivi taghhom. Hija tghid li l-attur inqata u ingibed lura hafna u meta kien imur jarahom wara x-xoghol kien iqatta hafna hin fuq il-laptop. Kultant wara x-xoghol kien imur ghat-tifel biex jiehdu għand il-ġenituri teighu

mentri hu kien jinzem fil-garage fejn kellu gym biex jaghmel it-training.   Hija kienet tinsisti mieghu biex iqatta aktar hin mat-tifel.   L-attur beda jkun imdejjaq hafna u kien iwahha fiha u jghid li kienet qed taghti wisq attenzjoni lit-tifel minflok lilu.   Hija tghid li l-attur kien sahanistra qal li ried jaqbad lit-tifel u jaqbez minn post għal isfel bih.  Hija qaltlu li jekk il-prezenza tat-tifel iddejqu huwa għandu jnaqqas il-hin tiegħu mat-tifel.

Meta t-tifel kellu ftit xhur hija ssemmi incident li kien hemm bejn l-attur u missieru u misieru qallha 'ahjar halli tkun taf x'inhu'.  Wara dan l-episodju omm l-attur cemplet lill-ommha ghax kienet inkwetata li t-tifel jithalla wahdu mal-attur.  Ommha ma qaltilhiex biex ma tinkwetahiex u qaltilha biss meta ricentement fethet qalbha ma ommha dwar x'kien qed jigri bejnha u bejn l-attur.

Hija tghid li kienet stressjata wkoll ghax kienet tkun ghajjiena minhabba li kienet taghti lit-tifel breasfeeding u t-tifel kien jibqa hafna filghaxijiet.  Lil E ma kellhiex hin għalih.  Darba minnhom it-tifel ma setgħax jieqaf jibki u l-attur hezzu u missierha intervjena u ha t-tifel u raqqqdu fil-kamra tal-ġenituri taghha.  Bhala koppja r-relazzjoni kienet stressanti hafna – lanqas bit-tifel ma kienu johorgu ghax kien jibki u għalkemm l-attur kien jippreferi li johorgu minghajr it-tifel huwa kien jimmissja t-tifel.  Fil-bidu l-attur kien jorqod għand il-ġenituri taghha izda peress li t-tifel kien jibki hafna l-attur kien qed iqum imkisser ghax-xoghol u ma baqghax jaghmel dan.

Hija kienet tkun mat-tifel il-hin kollu u tohorgu diversi postijiet u anke tattendi baby sensory sessions.  L-attur ma kienx imu maghhom u anke f'okkazjoni minnhom fi zmien l-festi tal-Milied l-attur kien insista mal-parter ta' ohtha bie johrogru flimkien huma t-tnejn biss.

Fis-sena 2011 hija harget tqila bit-tieni tarbija izda korriet meta kellha tlett xhur tqala. Huma kienu haduha hazin hafna din it-telfa u bkew it-tnejn li huma. Matul dan il-perjodu kellha hafna xoghol barra minn Malta u kien ikollha hafna time in lieu li kienet tqattghu mat-tifel. L-attur ma kienx japprova dan specjalment meta kienet tkun xoghol il-gimgha filghaxija. Meta hija tkun imsiefra l-ġenituri taz-zewg partijiet kienu jiehdu hsieb it-tifel peress li l-attur ftit li xejn kien jikkontribwixxi f'dan ir-rigward.

Meta l-partijiet marru jghixu flimkien l-affarijiet ma marrux għall-ahjar. Il-hinijiet tax-xoghol saru aktar favorevoli minn dawk tal-attur li kien qed jistudja l-ACCA u hija kellha aktar hin ghat-tifel. Hija tghid li l-attur ma kienx jiehu inizzjativa u jipprova jibni relazzjoni mat-tifel. Wara x-xoghol l-attur kien jiekol quddiem il-laptop u wara jidhol fl-istudju. Gieli kienet tghidlu biex imur jilghax maghhom u jaghmel xi craftz maghhom izda huwa kien jirrifjuta u meta it-tifel imur hdejh huwa kien ikeccih u kien jgħajjru 'stupid'. L-mumenti li t-tlieta kienu jilghabu flimkien kienu rari. Darba minnhom kien l-Hadd u l-attur ghamel gurnata fl-istudju tiegħu izda wara meta saqsietu kemm studja huwa rrisponda xejn u ddispjaciha li l-attur ma qattghax hin jilghab maghhom .

Hija bdiet Masters fil-Counselling mal-Universita ta' barra u għalhekk kellha bzonn hij għall-istudju ferm aktar minn weekend fix-xahar għal madwar sena. F'Dicembru 2011 it-tifel waqaf jorqod wahdu fil-cot fil-kamra tiegħu u kien iqum bil-lejl u jibki għal sieghat shih. Hija kien ikollha tqum tippassigga bih u l-attur kien jirrabja mat-tifel. Xi drabi kien jhezzi u dan darba minnhom gara quddiem familtha meta marru jieklu f'restaurant. Darba ohra gibidlu xaghru, gidimlu idu u kien jghajjru u hezzu. Kien ukoll jitlef it-tempra mat-tfel u darba minnhom that irraba li qabad il-papocc tat-tifel u tant sabtu mal-art li faqalu ghajnejn u imnieher ta' kelb , l-forma li kellu l-papocc. Hija kienet tqatta

sieghat shah fil-kamra tat-tifel sakemm jorqod.  Wara bdiet traqqad lit-tifel maghha meta t-tensjoni bejn il-partijiet zdiedet hafna.

Mill-eta ta' sena t-tifel kien jesperjenza hafna tantrums li maz-zmien marrud ejjem għall-aghar.  Tant kienu gravi li kien jaghti fuq wiccu, jataka lil konvenut u jaghti mal-affarijiet.  L-attur kien jghajjarha 'ghoxx u capsa' talli ma kienx jaqbzilha.   L-attur kien jemmen li t-tifel kellu bzonn dixxiplina korporali izda hija kienet tavzah li ma rieditux imiss lit-tfel.

Hija tghid li l-attur kien aggressive fil-konfront tat-tifel u kien jilghax quddiemu loghob grafici u vjolenti bhal Mortal Kombat jew God of War u kien ukoll iwerwru li hemm robot ggant fuq il-bejt u ha jmur għalih u dan biex mingħalih jipprova jillontrolla lit-tifel.

F'Dicembru 2012 l-affarijiet marru għall-aghar, l-imgieba tat-tifel dejjem kienet qed tiggrava u t-tifel darba minnhom beda jwezaq u tkun vjolenti u meta l-attur irritorna d-dar sabhom it-tnejn jibku u kif ha hekk huwa libes headguard li tintuza fil-martial arts, gera girja wara t-tifel jghajjat u jhezzez snienu u werwru.   Dak il-hin hija tilfet ir-raguni u tat lill-attur daqqa ta' ponn go wiccu.  L-attur qallha biex tiskuza ruhha izda hija rrifjutat ghax li ghamlet kien ghat-tifel u kif ra hekk l-attur qabad il-pet tat-tifel hamster u hedded li joqtlu.  Hija ma skuzatx ruhha u l-attur telqu l-hamster.  Dan kollu gara quddiem it-tifel li tghix kemm beka.

Huma qablu li jiehdu it-tifel għand il-psikologa Dr Clare Cassar Micallef mill-Equal Partners Foundation biex tosserva lit-tfel li rrakomandat li t-tifel jattendi play therapy u għalhekk ghamlu kuntratt ma' Damaris Spiteri minn hand in Hand foundation.  Dr Cassar Micallef issugeriet ukoll li jkun hemm iktar boundaries u

stabbilta fil-hajja tat-tifel u u mis-sessjoniiet ma' dawn il-professjonisti hareg li l-ikbar problema ghat-tifel kienet l-atmosfera d-dar u l-argumenti li kien ikollhom quddiem it-tfel li kienet qed taghmel il-kundizzjoni tiegħu aghar. Il-psikologa qaltilhom li maz-zmien it-tfel jista jizviluppa ADHD.

Is-sitwazzjoni bdiet mur għall-ahja ru l-attur beda jibni relazzjoni mat-tifel izda r-relazzjoni ta' bejniethom kienet spiccat u hija temmet ir-relazzjoni f'Marzu 2013 u l-attur ma badiex tajjeb. Beda jossessjona li telqitu għal haddiehor u ffissa fuq wiehed mil-hbieb taghha, beda jsus warajha u met ajsib ic-cans kien johdilha l-mobile biex jidhol fil-messaggi u jipprova jaċċessa informazzjoni personali. Hija kienet baqghet tghix mieghu. L-attur kien jibki hafna u jakkuzahar li ma gheniux u li kienet egoista u li lit-tifel ahjar ma jarahx ghax igblu wisq dwejjaq.

Il-partijiet qablu li t-tifel jghix maghha u li l-attur ikollu aċċess it-tnejn u l-Erbgha mil-5.30pm sat-8pm, l-Gimgha mit-3.30pm sas-6pm u s-Sibt mit-3pm sat-2pm u l-Hadd jew mit-3pm sas-6pm jew mill-10am sas-1pm. Wara qablu li jkollu sleepovers nhar ta' Tnejn u Erbgha minhabba li l-attur dejjem irrifjuta li jzomm it-tifel fil-weekend. Meta kien ikun għand l-attur ommu kienet tiehu hsieb it-tifel ghax skond l-konvenuta ommu kienet taf li binha kellu problema biex jiehu hsieb wahdu l-bzonnijiet ta' C u meta kien jorqod għandu l-attur ma kienx jahslu u generalment ma kellux rutina tal-irqad izda kien jurih filmati fuq il-laptop sakemm jghejja u jorqod.

Izda gara li darba minnhom meta hija marret biex tigbor it-tifel l-attur irrifjuta li jaghtiha t-tifel u għalhekk hijab diet il-process ta' medjazzjoni. L-attur kien ikun verbalment abbuziv lejha anke quddiem it-tfel jghajjarha 'qahba' u darba minnhom gabret it-tifel bil-hwejjeg biz-zebgha u l-attur qal lit-tifel 'ghax C għal darba l-

mama qed taghmel xi haga.' U minflok jaghtiha xi haga kien iwaddabbielha quddiem it-tifel.

Waqt il-perjodu tal-medjazzjoni l-attur kien jghid lit-tifel biex ma jghidx li ma kienx inhasel u li kien hafna helu. Hija tghid li sal-lum huwa ma jahsilx it-tifel meta jkun għandu għal weekend; li l-attur jgħallem lit-tifel jghid lill omm il-konvenuta 2lin-nanna nghidilha ma tindahalx meta tghidli biex ma mmurx għand il-papa u noqghod hawn."; li kien hemm zmien twil anke qabel il-medjazzjoni li t-tifel ma kienx ikun irid imur ma missieru u hija kien tikkonvincih imur.

Meta t-tifel kellu u hames snin it-tifel ukoll irrifjuta li jmur għand missieru u wara l-aċċess kien ikollu imgieba hazina hafna fejn kien jipponi, iwezaq u jaghti bil-ponn, jibki u jghidilha 'inwegghek ghax il-papa jghidl li int qahba.'. kien hemm okkazjonijiet fejn it-tifel kien jipprova jwegga lilu nnifsu billi jigref wiccu u jghidilha li jaghmel hekk halli jwegga u johrog id-demm. Meta rat hekk hija waqfet l-aċċess u egghet bdiet tiehu t-tifel ghat-terapija fi Frar 2015. L-attur irrifjuta li jaghti l-kunsens tiegħu ghax skond hu hija l-konvenuta li kellha bzonn l-ghajnuna mhux it-tifel u li l-imgieba tat-tifel hija reazzjoni normal għal kunflitti li kien qed jesperjenza minn bullying fl-iskola ma tiefel iehor. Izda skond hi l-imgieba tat-tifel kienet qed tkun hazina hafna wara li hija tigbru mingħand l-attur. Kien għalhekk li l-Qorti appuntat lil psikologa Carmen Sammut ghax ebda psikologu ma setgħa jara lit-tifel minghajr il-kunsens tal-attur.

Hija tghid li l-attur għandu mibgheda lejn l-familja taghha, kif jara lil ohtha Marie Clare hierga mil-blokka meta huwa jmur jigbor it-tifel jobzoq warajha quddiem it-tifel, kien ghamel ukoll rapport lil pulizija li ma kienux very meta qal li ohtha Audrey dahlitlu fil-flat

tiegħu u li ohtha l-ohra H ghajritu u missierha heddu meta kienu fil-gallarja u li Marie Clare kienet ser ittajru bil-karozza.

Il-konvenuta tghid li llum l-kunsetta bejnha u bejn l-attur huwa limitat għal dak li huwa essenzjali fl-ahjar interess tat-tifel.

Hija tghid li hija kuntenti bl-arrangament prezenti skond digriet tal-qorti cioe nhar ta' Tliet au Hamis mil-5pm sat-8pm u alternattivamen tmil-gimgha sas-Sibt mis-6pm sal-ghada fl-istess hin jew mis-sibta sal-Hadd fl-istess hinijiet. Manteniment ta' €200 kull erba gimgha u nofs l-ispejjez tal-edukazzjoni u sahha hija kuntenta b'dan ukoll.

l-imgieba tat-tifel marret hafna għall-ahjar. Li hija meta ssiefer dan ikun fuq xoghol u li meta hija tkun imsiefra it-tifel ikun mal-attur u anke man-nanniet paterni u dawk materni.

Hija Tiċħad li qatt ghexet ma rigiel ohra jew li t-tifel qatt gie espost għal irgiel differenti.

Hija wkoll tohrog spejjez għall-edukazzjoni u sahha tal-minuri fosthom hargiet tal-iskola, vizti tat-tabib u medicine mhux l-ewwel darba li halsithom kollha hi ghax ma ssaqsiehx għal nofshom. Basktijiet tal-iskola u rizorsi li l-għalliematistaqsi għalihom matul is-sena ukoll tohroghom hi. Anke r-ritratti tal-klassi u tal-Milied li ordna l-attur spiccat halsithomlu hi.

Il-konvenuta Tiċħad li qatt kellha Bipolar Disorder u li t-tifel qatt ma kellu feriti li hija ma riedietx lill-attur jara. Hija Tiċħad ukoll li t-tifel wara l-aċċess ma jkunx irid imur lura għand ommu. Hija

tispjega kif l-attur fi tmiem l-aċċess jibqa jgħannaq lit-tifel u hekk kif it-tifel imur hdejha huwa jerga jergghu biex jerga jgħannqu. Ghamel zmien ukoll kien joqgod jghafsu mieghu u jibki jew kien isefsef f'widnejh u jistaqsih lil min ihobb l-izjed. Skond il-konvenuta l-attur tant ma għandux boundaries li darba minnhom kienet qed issur u kien xi ghaxar minuri qabel l-aċċess u inzertatu qed isuq fit-triq opposta u waqaf u hareg u qabad ha lit-tifel mil-karozza taghha jew wara li tigbor lit-tifel tkun qed bilghaeda jitkelmu fil-karozza u huwa jiġi ha jara f'inhu jigri.

Hija tghid li għandha relazzjoni tajba mat-tifel. Sa ftit xhur kien twassal u tigbor it-tifel mill-iskola u tiehdu l-ufficja maghha fejn kien ilesti l-homework, ipingu u jilghabu flimkien. Anke l-kollegi taghha jhobbuh hafna lit-tifel. Wara jmorru għand ommha u jieklu u t-tifel kien ihobb hafna iqatta l-hin man-nanniet u anke meta hija marret tghix għal rasha mat-tifel it-tifel kien jistaqsiha kemm-il darba biex jorqud għandhom u hija tikkuntentih billi gielu jorqdu għandhom il-gimgha jew is-Sibt filghaxija.

Bhala anger management hija spjegat lit-tfel li go fina hemm mostru li jikber u jikkmanda hu meta jkunu irrabjati u xtratju ktieb fuq dan biex tghinu jifhem li hu jista jikkontrolla r-rabja tiegħu u ma jhallix lil dan il-mostru jikkmanda.

Hija Tiċħad li ma riedetx issib kompromess f'din is-sitwazzjoni.

Hija tghid li l-attur icempel lit-tifel mill-inqas darbtejn kuljum u jekk it-tifel ma jirrispondix l-mobile ghax it-tifel ma jkollux aptit jitkellem l-attur jibqa icempel sakemm it-tifel jirrispondih. Anke meta hija jkollha lit-tifel l-attur imur għal xi attivita li jkollu t-tifel li ma tkunx fil-hin tal-aċċess tiegħu.

Dwar l-incident li jsemmi l-attur fl-affidavit tiegħu li ma haditx it-tifel l-isptar hija tispjega li ftit jiem qabel hija kienet hadet lit-tifel għand dentist privat u tah l-antibijotici.  Hija kienet ukoll ghamlet appuntament għal gimgha ta' wara biex tilhaq tinzillu l-infezzjoni biex jaqlaalu d-dar l-imhasra.   Fis-Sajf l-attur cemplilha ghaxar minuri qabel ma hija kellha tmur tigbor it-tifel u qallha li kien qed il-policlinic u qallha biex ma tmurx ghat-tifel u hija ma marritx għalih.

Hija Tiċħad li mhix kapaci tamministra l-finanzi taghha u l-fatt li halset il-Masters, xtrat post u tghix għal rasi jipprova li hija taf tamministra flusha.  Anke fis-sena li hasru kienu baghtu lit-tfel ChildCare Centre ghas-sajf (stepping Stones) u l-kont ta' hames mitt ewrokienet halsithom kollha hi.

Il-konvenuta tghid li l-attur il-hin kollu jipprovoka lilha u lil familha. Il-hin kollu jdur bil-mobile jiehu r-ritratti b'mod sfaccat.  Huwa bniedem arroganti u juri dizrispett kbira lejha anke quddiem it-tifel.  Hija Tiċħad li mhux role model ghat-tifel meta irnexxielha tistudja, taghmel il-facendi u tizbogh l-flat kollu waqt li t-tifel ikun rieqed biex ma ttelfux mil-quality tieghi mieghu, hija tahdem u tistinka. Hija tahdem bhala Home Educator waqt li t-tifel ikun ma missieru u waitress meta jkollu I sleepovers u taghmlu t-tifel u hi jkollhom ambjent hieni u komplut fejn jghixu u t-tifel taghtih dakkollux li għandu bzonn.  Li għalkemm l-attur baqa jghajjarha u jittrattaha hazin jew jitfaghlha l-affarijiet f'wiccha minflok jaghtihomlha bhan-nies, hija xorta baqghet tipprova taghtih sapport wara li ma baqghux flimkien; huwa baqa jcempel u hija tipprova tikkonsla l-biki tiegħu u meta darba cempel ippanikjat ghax kellu ezami hija waslitu wkoll jew tistiedni għal fundaraising dinner li kienet serjra ma hbieb taghha meta jcemplilha imdejjaq li ma għandux ma min johrog.  L-attur kien ukoll icemplilha għaliex ma kien xikun jaf x'ha jaghmel mat-tifel u kien jghidlha li hu ma kellux hbieb ma min johrog bit-tifel.

Fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2017 l-attrici pprezentat affidavit addizjonali li fih spjegat li mis-sena 2013 mindu intemmet ir-relazzjoni taghhom, graw hafna affarijiet. Hija pprezenta r-rapporti tal-clinical psychologist Carmen Sammut u ta' Dr Tanya Sammut Catania bhala avukat tat-tfal. Il-pendenza li hemm bejn il-partijiet hija dwar li sleepover ta' matul il-gimgha li ghadu jinsisti fuqha l-attur.

Hija tghid li hija u l-attur ma jaqblux fuq hafna affarijiet u tilfu l-fiducja f'xulxin. Hija temmen li dejjem ghamlet kollox fl-ahjar interess tat-tifel. Lit-tifel hija dejjem zammitu maghha u hadet hsiebu. Izda l-istess l-attur specjament meta taf li huwa stress kien qallha li ried inaqqa sil-hin mat-tifel fl-istess sena li kienu infirdu.

Hija tinkwieta tara l-filmati u recordings tat-tifel I ll-rezenta l-attur mal-affidavit tiegħu. Li huwa juza l-hin tiegħu tal-aċċess biex jaghmel interrogazzjoni lit-tifel tinkwetaha ferm. L-videos esebiti minnu huwma xhieda ta' dak li t-tifel jiġi soggett għalih meta jkun mieghu. It-tifel jiġi interrogat bil-camera tal-mobile tirrekordja f'wiccu. Hija tghid li l-attur għandu tendenza li jigdeb u jipprova jimla lit-tifel bid-dubji anke fil-konfront taghha u jghaddih minn interrogazzjoni fejn jakkuza lil ġenitur jew iehor skont kif iwiegeb ghad-domandi li jpoggilu missieru.

Hija qatt ma kienet abbuziva mat-tifel u lanqas qatt ma zammietu traskurat u mahmug u tispjega fid-dettal kif hija tiehu hsieb lit-tifel taghhom, kif hija ma hix aggressive fil-konfront tat-tifel, kif hija qatt ma esponeniet it-tifel għall-irgiel, kfi hija taghti stabilita lit-tifel, u kif hija u t-tifel għandhom hajja sabiha u t-tifel huwa kuntent. L-imgieba tat-tifel tjiebet hafna ghax ma ghadux ikun espost għal kunflitti bejnha u missieru, għandu rutina fissa u

dara meta jmissu jmur għand missieru, kapaci jesprimi l-emozzjonijiet tiegħu u li hija dejjem hemm għalih.

Il-konvenuta sahqet li huwa krucjali li t-tifel jitrabba f'ambjent san minghajr danni psiko-emozzjonali; li t-tifel ma jkunx espost għal kummenti negattivi fuqha; li r-rutina tat-tifel fix-xitwa ma tinbidilx, dwar il-manteniment ta' €200 dan huwa sufficjenti izda ilmentat li l-attur mhux dejjem ihallas nofs l-ispejjez straordinarji u extra-kurrikulari. Hija tghid li l-attur ghadu sal-lum jirrifjuta li jhalla snofs l-ispiza tal-libsa tal-precett tat-tifel li giet tiswa €219.99 u għandu jhallas nofs dan l-ammont, fil-passat halset għall-atletika tat-tifel €135 u huwa lanqas hallas n-nofs. Hija xtaqet li t-tifel jibda jattendi lezzjonijiet ta' drama, kant u zfin wara l-intervent tal-attur t-tifel qallha li ma xtaqx imur għal dawn l-attivitajiet. Izda qablu li jattenti l-arti majali ta' mill-inqas darbtejn f'gimgha meta t-tifel ikun mal-ġenitur rispettiv u qabelu li jaqsmu dawn l-ispejjez.

In kontro-ezami (seduta 21.2.2018) il-konvenuta kkonfermat li l-esperti t-tnejn kkonkludew li ebda wiehed minnhom ma huwa ta' hsara ghat-tifel. Hija spjegat li qed topponi għal sleepover ta' fost il-gimgha minhabba l-iskola. Hija qablet li matul il-gimgha huwa jigbru mil-iskola darbtejn fil-gimgha sat-8pm izda mhux li jraqdu għandu matul il-gimgha. Fil-holidays tas-sajf it-tifel jaghmel sleepover extra. Hija pprezentat id-digriet tad-29 ta' Lulju 2015 dwar li sleepover li l-misier għandu fil-weekend mat-tifel cioe darba fil-gimgha altrnattivamen tmil-gimgha fis-6pm sal-ghada s-sibt fis-6pm u l-gimgha ta' wara mis-sibt fis-6pm sal-ghada l-Hadd fis-6pm.

Fil-vaganzi tal-Ghid u tal-Milied huwa taqbel li jkollu sleepover matu ilgimgha pero fil-holidays il-qosra bha Karnival u mid-term ma taqbilx la l-ghada jkollu l-iskola.

Hija spjegat li meta infirdu l-attur kien qallha li ried inaqqas il-hin mat-tifel izda din inbidlet matul iz-zmien.

Hija tinkwieta ghax it-tifel jiġi mgieghel jghid certu affarijiet – per ezempju icempel lit-tifel u t-tifel jaghmlu fuq loudspeaker u jsaqsih hux safe biex jitkellem.

Meta hija ssiefer minghajr it-tifel dawn kienu fuq lectures u xoghol u anke huwa siefer minghajr it-tifel. Hija tghix ma' partner u Tiċħad li ghexet ma irgiel differenti. Fil-bidu meta kienu hasru kienet issaqsih tistghax thalli t-tifel mieghu izda huwa kien jghidilha le u imbaghad taqbdu jsuq warajha. Hija qed toggezzjoni ghar-right of first refusal ghax it-tifel jiehu gost imur għand in-nanniet u għand zitu u għalhekk hija qed toggezzjona.

Hija tghid li -attur gieli halli t-tifel man-nanniet wahdu ghax it-tifel jghidilha u meta ssaqs lit-tifel x'ghamel meta kien ma missieru hija tghidlu li jekk ma jridx jghidilha ma jghidilhiex. Hij ghid li t-tifel ma qallhiex li missieru raqad mieghu meta raqad għand in-nanniet. għaliha kienet dirturbija ghlaiha u ghat-tifel li l-attur jattendi għall-attivitajiet extra-kurrikulari tat-tifel. Illum it-tifel għandu martial arts u missieru iwaslu darba hu u darba hi u meta jkunu mistedni l-ġenituri huma jghidulu. Waqt it-training l-ġenituri jistghu jattendu u hija toqghod hemm u toggezzjoni li jekk it-training ma jkunx waqt il-hin tal-aċċess itehgu li huwa jattendi għal dawn is-sessions.

Fis-seduta ta-30 ta' Mejju 2018 l-konvenuta kompliet tixhed in kontro-ezami li l-attivitajiet li semmiet fil-para 7 tal-affidavit taghha dak iz-zmien kienet taghmilhom wahedha u llum jkun hemm hin li taghmilhom mal-partner taghha pero mhux il-hin

kollu.  Fil-ghaxija huwa jkollu l-impenji tiegħu u ma jkunx maghhom.

Hija tghid li l-oggezzjoni taghha li l-missier ikun dejjem prezenti waqt l-attivitajiet extra kurrikulari tat-tifel hija li t-tifel qatt ma oggezzjona u jixtieq imur is-Sibt Marshall Arts met ajkun ma' missieru izda huwa ma jihdux.  Hija toqghod hemm waqt is-session ghax tkun l-Mosta u gieli toqghod hemm tahdem xi haga jew ikollha xi qadja u gielu jghidulhom xi haga important wara s-session.

It-tifel għandu rutina fissa.  Skond hi jekk tinbidel ir-rutina tat-tifel ikun hemm riperkussjonijiet ghax met akien izghar kien ikun hemm repercussions .  l-objection ta' li sleepover fost il-gimgha meta t-tifel ikollu l-iskola ghax kien hemm okkazjonijiet fejn it-tifel kien ma' missieru u jkollu l-homework u ma sarx.  Studying rari jsir.  Gieli t-tifel jiġi wara aċċess fil-weekend bil-homework ma sarx.  Darba baghtitlu email lill-attur u ma hax gost u tgid lit-tifel ifakkar lil papa li għandu l-homework u gieli spiccaw anke jaghmlu l-homework il-Hadd fil-ghaxija.

Illum it-tifel jattendi marshall arts biss u jillu lezzjonijiet Teusdays, Wednesdays u Saturdays u t-tifel imur Wednesday u s-Sibt ghax hu ma riedx jiehdu t-Tliet amet ajkollu l-aċċess.  Kienu ftehmu li jiehu t-tifel is-Sibt izda ma baqghax jiehdu.  Hija tghid li darba minnhom l-attur iffolowja meta kienet bit-tifel fil-van tal-partner taghha flimkien mal-ex partner taghha.  Hija spjegat li l-messaggi li prezentat mal-affidavit taghha kienu intbaghtu fil-bidu meta l-attur ma riedx jaf bit-tifel.

Fl-affidvit taghha Q R (seduta 12.10.2017) xehedet li l-konvenuta hija persuna li taf thobb li hafna drabi tpoggi l-bzonnijiet ta'

haddiehor qabel taghha; taghti prijorita assolut alil bzonnijiet kollha ta' C; hija persuna pacenzjuza hafna u taf tinsel għal livel ta' C u tispjeg au titkellem b'mod biex ikun jista jifimha; hija qatt ma ratha tgholli lehenha quddiemha jew b'xi mod tirredikola jew twegg alil C; li taghmel decizjonijiet informati tajjeb dwar l-edukazzjoni, s-saha, extrakurrikulari u l-well being ta' Matthia anke xi drabi mingħand is-sapport finanzjarju ta' missieru.  Hija spjega li hija hbiba tal-qalb tal-konvenuta u ilha tafha sew aktar minn hamsa u ghoxrin sena.

In kontro-ezami (seduta 2.11.2017) Q R xehdet li hija taf li l-attur ma kienx jghin lil konvenuta finanzjarment ghax qalitulha l-konvenuta u lill-attur dwar din il-kwsitjoni hija qatt ma kelmitu.

Fl-affidavit taghha Dr S R T (seduta 12.20.2017)  xehdet li hija tabiba u l-konvenuta u hija ilhom hbieb għal dawn l-ahhar ghoxrin sena.  Tafha bhala Habiba sinciera u onesta u li tiehu hsieb ewwa lil binha.  It-tifel jidher li jhobb lil ommu u jilghab ma' binha.  It-tifel għandu ideat cari ta' xinhu tajjeb u x'inhu hazin u jaf jaghzel ikel tajjeb għal sahtu u jaf ukoll ifendi għal rasu bielli jiehu decizjonijiet għalqin minghajr ma jkun l-hin kollu ma djul ommu.

Fl-affidavit tiegħu U B , missier il-konvenuta (seduta 15.9.2017) xehed li ilu jaf lill-attur għal dawnl-ahhar hmistax-il sena mindu bintu introducietu mieghu u ma martu.  Illum it-tifel jinsab tajjeb, kuntent u sa fejn jafu hu ma għandux problem.  It-tifel inbidel hafna minn kif kien madwar erba jew hames snin ilu.  Huwa spjeg ali t-tifel meta kellu biss sentejn kellu t-tantrums u jwegga lilu nnifsud u jghid li had ma jhobb u had ma jridu.  Meta t-tifel jiġi f'kuntatt ma missieru t-tifel kien ikun vjolenti mieghu nnifsu u anke maghhom u ma' ommu. Ittifel kien joffendi lil ommu jghidilha kliem bhal 'inti qabha' kliem li kien jismaghhom

mingħand missieru, jinfexx jaghtiha daqqiet ta' ponn fuq dahrha u anke fuq l-istonku u jigbdilha xaghrha. Kien għalhekk li bintu iddecidiet li tillimita l-aċċess tal-missier ghat-tifel. Sa fejn jaf hu dak iz-zmien l-attur ma kienx jitlob biex jara lil ibnu. Huwa spjega li bintu kellu titlob lil Qorti biex bingha jkun invistat minn persuna li tista tghidilha x'kellu t-tifel peress li E kien irrifjuta li jaghti l-kunsens tiegħu fd'an ir-rigward.

Darba minnhom bintu infaqghet tibki minhabba li stress kbir li kien ikollha minhabba l-kundizzjoni tat-tifel. Wara li bdew dawn is-sessjonijiet it-tifel inbidel għall-ahjar u llum il-gurnata it-tifel għandu relazzjoni tajba ma' ommu u maghhom.

Bintu llum tghix għal rasha mat-tifel. Meta l-partijiet kienu ghadhom jghixu flimkien l-attur ma kienx jaf kif jaqbad jagixxi matt-ifel u anke kien ammetta li kien qabad it-tifel minn xaghru u biex jikkontrollah kien jilbes maskra biex joqghod ibezzghu. Bintu haditlu din l-maskra u huwa kien mar għaliha għandhom meta bintu kienet tghix għandhom mat-tifel. Darba minnhom cemplet omm l-attur u kelmet lil martu u talbitha l-lasonil ghat-tifel C u qaltilha li E kien gidem lit-tifel biex jiccajta.

Huwa spjega li meta t-tifel kien tarbija kien jibki hafna u E kien sahansitra jaqbdu u hezzu u dawn kienu xi tlett okkazjonijiet tant li kien ikollu jipprova jikkontrolla lill-attur huwa stress u darba minnhom kien hadlu t-tifel tarbija minn idejh u raqdu mieghu u ma' martu fil-kamra ts-sodda taghhom. Zewg okkazjonijiet ohra kienu hargu jieklu barra u t-tifel beda jibki u E qabda u beda jehzzu u meta huwa pprova jersaq lejh biex jehodlu t-tifel E qabad u hareg il-barra bit-tiefl mieghu.

Illum it-tifel inbidel kompletament u għandu r-rutina tiegħu u draha. Jaf meta ser ikun għand missieru u li d-dar tiegħu hija ma ommu. Huwa jaf li binti ppruvat kemm il darba tilhaq ftehim mal-attur izda l-attur l-ewwel jghid li jrid jaqbel izda l-ftehim ma jsirx. Huwa ja li l-attur għandu tfajla u jaf li qabilha kellu tfajla ohra peress li Matthia skien isemmiha pero lil din it-tfajla C ma jsemmihiex.

In kontro-ezami (seduta 20.11.2017) missier l-konvenuta U B kkonferma li t-tifel kien jipprova jigref lilu nnifsu meta jkun sejjer għand missieru u meta jiġi mingħand missieru u dan ilu xi erba snin ilu. It-tifel illum ma ghadux jaghmel hekk. Ir-rapport tal-psikologa huwa ma rahx u huwa ma kienx isaqsi lit-tifel għaliex kien jaghmel hekk meta kien imur jew jiġi mingħand missieru. Huwa cahad li lit-tifel kien jghidlu li jekk ma joqghodx bravu ma jhobbu had. Dak iz-zmien huwa kien jahdem l-Inspire bhala Facility Manager u kien jidhol fid-dipartiment fejn hemm it-terapija u kien jara tfal bi problem bhal tat-tifel C. Huwa kkonferma li t-tifel kien jghid li ommu qahba meta kien jiġi mingħand missieru u assuma li sema dan il-kliem mingħand missieru. Talba għall-aċċess l-attur ma ghamilx sa fejn jaf hu. Dwar il-kondizzjoni tat-tifel huwa spjega li t-tifel kienu jtuh t-tantrums, isawwat lil ommu u dawk l-affarijiet.

Huwa spjega li kien l-attur li ammetta maghhom li t-tifel kien refghu minn xaghru meta kienu d-dar tiegħu fejn kien jghix mal-konvenuta bintu u kien hemm prezenti l-ġenituri tal-attur huwa u l-konvenuta. Kien dakinhar li qalulhom li makienux ser jibqghu flimkien. Huwa ra maskra sewda bit-toqod fejn hemm l-ghajnejn u l-halq u meta t-tifla telqet mid-dar gabet maskla maghha li t-tifla qaltlu li kien ibezza t-tifel biha. Illum it-tifel għandu maskla tal-martial arts biex jipprotegi lilu nnifsu meta jmur martial arts. Rigward dak li xehed fil-paragrafu 6 tal-affidavit tiegħu huwa

spjeg ali dan gara meta t-tifel kien ghadu tarbija u l-incident ma giex riferut għand tabib.

Huwa cahad li kien hemm okkazjonijiet fejn l-konvenuta kellha tiehu t-tifel għand l-attur ghax kienu jiggieldu huwa u l-mara anzi skond hu huma għandhom relazzjoni tajba hafna. Iz-zewg partijiet kellhom relazzjonijiet ohra wara izda huwa qatt ma dahhal lil ebda partner ta' bintu d-dar biex t-tifel ma jigrilux hsara. Huwa cahad li lit-tifel jghidlu li missieru injorant jew li ma għandux għalfejn ihobbu.

Dwar l-ahhar sentenza tal-affidavit tiegħu huwa spjega li xehed hekk ghax hass li minhabba li l-attur kellu tfajla imbaghad kellu ohra biex it-tifel jissetilja has li kollox kellu jibqa kif inhu dwar l-aċċess.

Rapport tal-psikologa Carmen Sammut

A fol 81 Carmen Sammut ikkonferma r-rapport li ghamlet ( fol 17 et u fol 98 et)) u li dan sar fuq inkaritu tal-Qorti. Hija xehdet li r-relazzjoni tat-tifel mal-missier hija tajba hafna u t-tifel wera x-xewqa li jkollu aktar hin ma missieru. It-tifel ammetta maghha li kien hemm zmien li kien irrabjat għal papa u wara qallha li ma ghadux. It-tifel qatt ma semmielha li ried jaghmel self harma u hija qatt ma saqsietu lanqas biex ma tissugerilux. It-tifel qatt ma qallha dwar xi maltrattament minn gi ġeniture u semmielha dixxiplina izda mhux li gie maltrattat. Huwa qallha li l-mama izzomm aktar dixxiplina izda ilmenti dwar dixxiplina ma kellhiex.

Hija osservat l-attur jibqa kalm meta lit-tifel jghidlu le u jibqa bil-le.

Il-perjodu li t-tifel ma kienx qed jara l-missieru hi xi haga li hawditu hafna u kien isaqsi lil mama meta ser jara l-papa u hija kienet tghidlu meta jiddeciedu u hu dan ma setgħax jifimha.

Dwar l-aċċess hija taf li l-aċċess huwa t-Tlieta u l-Hamis mil-5pm sat-8pm u fil-weekend gimgha mil-gimgha fis-6pm sas-Sibt fis-6pm u l-gimgha ta' wara mis-Sibt għal Hadd fl-istess hin. Hija taqbel li l-aċċess fis-Sajf ikun mil-4pm sat-8pm u li fil-weekend l-aċċess jibda fil-5pm u jispicca fis-6pm u li f'Awissu meta jkollu x-shutdown l-missier ikollu aktar granet u extra sleepover fil-gimgha.

Hija rrakomandat fol 82 li meta t-tifel ikollu l-iskola l-aċċess jibqa minn wara l-iskola biex l-missier jghinu fil-homework u t-tifel ikollu esperjenza taz-zewg ġeniture li jghinuh fil-homework.

Hija sahqet li bdil sopardiku fl-aċċess hu important ghaxt-tifel ma għandux jitfel party ghax għandu aċċess mal-papa. Dwar telefonati meta ġenitur ma jkollux aċċess hija xehdet li jekk it-tifel irid icempel lil ġenitur l-iehor għandu jkollu l-possibilita izda mhux vice versa li l-ġenitur icempel biex jara hux Ok għax joħloq anzjeta lit-tifel.

In kontro-ezami hija xehdet li l-ilment tal-omm kien anke meta gew privatament li tosserva l-imgieba fit-tifel li jhassibha li kienu tantrum. Jista jkun li qaltilha li kien hemm episodji ta' self harma izda carta li semmitilha imgieba aggressive tat-tifel u li t-tifel kien jghid li 'l-mummy qahba'.

Il-psikologa temmen li r-rabja tat-tifel gejja mid-gizgwid tal-ġenituri li osservatu hija wkoll.  L-omm lesta li tl-aċċess fis-Sajf jizdied u veru wkoll li l-attur t-tifel għandu jghix mieghu izda dan ma kienx inkarigu moghti mil-Qorti dwar ma min għandu jghix it-tifel .

Il-partijiet għalqu l-provi taghhom fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2018 u ipprezentaw in-nota ta' sottomissjonijiet taghhom.

Konsiderazzjonijiet

(i)Apprezzament tal-Provi

Illi l-attur qed jitlob li l-minuri jiġi fdata lilu esklussivament u li jiġi ffisat aċċess għal konvenuta u manteniment li l-konvenuta għandha tigi ordnatha tivversa lilu għal minuri. U l-istess qed taghmel il-konvenuta fil-kawza fl-ismijiet inversi.

Il-perit legali ser tghaddi biex taghmel xi osservazzjonijiet ta' natura legali u li huma applikazzjoni għal kaz in kwistjoni.

Illi mil-provi prodotti jirizulta li l-prtijiet fil-kawza u fir-rikorsi taghhom ghamlu diversi allegazzjonijiet kontra xulxin li huma pjuttost serji u uzaw dawn il-proceduri biex ikomplu jimpikaw ma xulxin u uzaw lil binhom minuri bhala arma.  Dan huwa komportament li l-perit legali tiddeplora ghax b'hekk issir izjed hsara fuq il-minuri.

F’din il-kawza il-partijiet ippruvaw joskuraw lil xulxin kemm jistghu biex mingħalihom il-Qorti ccapcpilhom u tghidilhom kemm into bravi u haqkom prosit ta’ dak li ghamiltu.  Huma urew kemm huma ġenituri immaturi li bil-hafna spijar fuq xulxin kull parti ghamlet dan biex mingħaliha tikkonvinci lil Qorti kemm hija għandha ragun meta tghid li l-parti l-ohra mhix ġenitur tajjeb jew ġenitur tajba.

Kif jigri spiss l-omm li tahdem tigi penalizzata ghax il-missier u bir-ragun jippretendi li t-tifel iqatta hin mieghu meta l-omm tkun xoghol u l-omm kif jigri wkoll ta’ spiss tibda tibza li aktar hin mal-ġenitur l-iehor ifisser il-biza li l-minuri jallontana minn maghha u mil-ambjent ta’ maghha. Il-perit legali tifhem din l-preokkupazzjoni tal-ommijiet in generali u bhal f’dan il-maz meta l-omm tippreferi li lit-tifel  tqajmu kmieni biex tiehdu l-breakfast club l-iskola milli tippermetti li missieru jwaslu l-iskola jew li joqghod mal-ġenituri taghha meta hija tkun xoghol milli ma’ missieru jew li tiehdu maghha x-xoghol meta tista milli thalli t-tifel joqghod ma’ missieru.  Din hija realta li qed nghixu fiha u għalhekk isir hafna propaganda biex il-omm tohrog tahdem ghadna ma hrigniex b’mudell dwar kif għandha tkun it-trobbija tal-ulied meta l-omm tohrog tahdem u sakemm isir dan kull omm tibqa b’din il-biza li titlef lil uliedha.

Ili jinghad li l-kontendenti f’din il-kawza ma humiex mizzewgin izda huma zewg persuna li kellhom relazzjoni li bdiet fis-sena 2004 u intemmet f’Marzu 2013 u minn ir-relazzjoni twieled tifel C fis-27 ta’ April 2010 liema tifel ma kienx ippjanat.  L-attrici kellha tmintax il sena u kienet ghadha tistudja l-psikologija l-Universita meta bdiet tohrog mal-attur u huwa kellu wiehed u ghoxrin sena u kien jahdem accounts clerk.  Fis-sena 2007 huma xtraw appartament flimkien u fis-sena 2009 hija harget tqila bit-tifel liema tarbija ma kienetx pplenjata.  Illum it-tifel  għandu tmien

snin.  Il-partijiet ma kienux ghadhom bdew jghixu flimkien meta gara dan stante li l-post li kienu xtraw flimkien kienet ghadha mhix lesta.  Wara li lestew il-post marru jghixu flimkien bhala familja izda t-tifel kien jibki hafna u lanqas kien jorqod u dan holoq hafna tensjoni fir-relazzjoni tal-kopja

Fis-sena 2011 hija harget tqila bit-tieni tarbija u siefret il-Finlandja fuq xoghol u tilfet it-tarbija.

F'Marzu tas-sena 2013 huma hasru u l-konvenuta marret tghix ma' ohtha u f'Awissu 2015 hija marret tghix iz-Zejtun fi flat li hija xtrat.

Sa Frar 2015 il-partijiet kellhom relazzjoni amikevoli u kienu jiftehmu fuq l-aċċess u biex l-ispejjez tal-edukazzjoni u sahha jithalsu nofs bin-nofs u anke waqt il-medjazzjoni kienu qablu dwar aċċess u manteniment izda wara l-ftehim ma sarx u għalhekk saret din l-kawza u l-kawza fl-ismijiet inversi kawza numru 255/!5 AL u wzaw l-fiducja li kellhom f'xulxin b'mod li esponew f'dawn il-proceduri dak li saru jafu fuq il-partijiet kif del resto ghamlu l-istess partijiet dwar xulxin.

F'din il-kawza, kull parti trid it-tifel għaliha u kull parti tahseb li billi dan taghmel dan lit-tifel tkun qed taghmillu gid.  Il-ġenituri cioe l-partijiet it-tnejn ihobbu lit-tifel izda ma għandhomx ihobbu lilhom infushom qabel it-tifel.  Dan qed jinghad ghax mil-provi prodotti jirrizulta car li d-decizjonijiet taghhom dwar it-tifel huma motivati aktar minn dak li jaqbel lilhom milli minn dan li jaqbel għal binhom.  Veru li dan ma jsirx b'malizzja jew hazin izda kif jigri f'dawn is-sitwazzjonijiet, huma t-tfal li jbaghtu u li jigu mcahda minn tfulija 'normali' cioe minghajr hafna tensjoni zejda u minghajr biza u jhossuhom liberi li juru imhabba u jifthu

qalbhom ma' kull wiehed mil-ġenituri minghajr il-biza li dan imur jirrepeti lil ġenitur l-iehor x'qal it-tifel dwaru u dwarha.

jiġi osservat ukoll li ftit li xejn il-partijiet taw piz għal fatt li huma tilfu t-tieni tarbija u li anke dan setgħa kellu impatt fuq il-kompartament taghhom kemm lejn xulxin u kemm lejn it-tifel.

Fir-rapport tac-child psychologist Carmen Sammut li giet imqabda mil-Qorti hija fil-konklużjoni peritali taghha tiddeskrivi dan b'mod perfett meta rreletat li (fol 104 et):

"Wara l-ftit laqgha tli kelli mal-partijiet nixtieq naghmel dawn il-konklużjonijiet:

Hija hafna probabbli li kien hemm xi mgieba mhux desiderata mingħand C ghax it-tfal hafna drabi jesprimu l-ansjetajiet u d-dwejjaq taghhom b'modi mhux daqshekk ovvji bhal per ezempju jsiru iktar attivi jew agitati jew isiru iktar aggressive.  Dan huwa tifel li ghadu qed jipprova jaghmel sens ta' dak li gara fil-familja tiegħu, tifel li jista jhossu incert dwar postu fil-familja u dan il-glied bejn il-ġenituri kif ukoll nuqqas ta' fidcuja li z-zewg ġeniture qed juru lejn xulxin, zgur mhux jghin biex C ihossu aktar sikur fil-familja.  Tul il-hajja qasira tiegħu C kellu jipprova jadatta għal hafna tibdil sinifikanti bhal l-ewwel joqghod għand in-nanniet, imbad mal-ġenituri minghajr in-nanniet, imbad ma ġenitur wiehed f'hin wiehed u ma iehor f'hin iehor.  Kellu jipprova jadatta għal tibdil fis-sitwazzjonijiet tal-ġenituri tiegħu, kemm lejn xlxin kif ukoll lejh.  Dawn huma hafna bidliet li joholqu instabilita fil-hajja ta' hafna nies iktar u iktr fil-hajja ta' tifel daqshekk zghir."

U a fol 91 in eskussjoni hija kkonfermat li l-perjodu li t-tifel makienx qed jara l-missieru hi xi haga li hawditu hafna u kien isaqsi lil ommu meta serjara l-papa u hija kienet tghidlu meta jiddeciedu u hu dan ma setgħax jifimha. Hija ma rriskontratx ebda reazzjoni tat-tifel mal-omm u t-tifel mal-missier u osservat li l-missier jibqa kalm meta lit-tifel jghidlu le u jibqa bil-le.

Iz-zewg partijiet qed jippretendu li għandha tinghata lilhom esklusssivament it-trobbija ta' dan it-tifel C D B – cioe kura u kustodja u r-ragel qed jitlob ukoll li oltre dan jinghata s-setgħa tal-ġenitur, fost talbiet ohra.

Illi kif intqal fis-sentenza Melissa Micallef pro et noe vs Konrad Scotto (PAper RCP 276.2002 kawza nru 2259/97 RCP:

"Illi sfortunatament f'dawn it-tip ta' kawzi, din il-Qorti trid taghmel u tihu decizjoni li f'certu kazijiet tista tkun difficli u li għal xi wahda mill-partijiet ma tkunx tiggjova. Pero' minkejja dan, l-kontendenti f'kull kawza bhal din in ezami u f'kawzi ohra ta' separazzjoni personali fejn ikun hemm involuti il-minuri għandhom japprezzaw illi l-pozizzjoni taghhom galadarba jkunu gew quddiem il-Qorti jfitxu d-decizjoni taghha, ma tkunx ghadha l-istess bhal ma kienet qabel ma jkunu nbdew il-proceduri gudizzjarji. Dan jimporta illi s-sitwazzjoni ta' bejniethom tkun tbiddlet xikultant bi ftit, u xi kultant b'hafna. Illi f'dan l-isfond, il-kontendenti ikunu jridu jifhmu u japprezzaw illi huma bhala ġeniture iridu jzomm l-interess tal-minuri dejjem suprem. Ma jista ikun li kulhadd ikun kuntent bid-decizjoni li tinghat amil-qorti. Pero dejjem jipprova jinholoq bilanc bejn l-obbliġi u d-drittijiet tal-kontendenti kollox fl-interess suprem tal-istess minuri u fil-kazijiet normali huma l-ġenituri li għandha jaraw x'inhu l-interess tal-istess minuri u m jhallux l-interess taghhom individwali jiehu s-sopravent b'dan li l-atteggjament taghhom stress ikun ta' hsara għall-istess minuri.

Dan qed jinghad il-għaliex galadarba l-affarijiet ikunu waslu sal-punt li l-Qorti jillha taghti s-sentenza taghha allur ser jkun hemm xi sagrifficji li kull wiehed u wahda mill-partijiet ser ikollha taghmel u dan principalment minhabba n-nuqqas taghhom stress fejn jidher li fd'an il-kaz , iddahlet pika, b'doza qassija, b'detriment tal-partijiet innifishom li ghamlu minn kollox biex iferu lil xulxin, bl-iskop li jiskuraw lil xulxin f'ghajnejn il-Qorti u dan il-Qorti qed tghidu b'dispjacir kbir, l-ewwel net ghat-trawma li l-partijiet dahhlu lilhom infushom fiha u wkoll peress li din l-attitudini certament li ma kentix ta' gid għall-istess minuri."

Illi dan japplika wkoll għal kawza odjerna specjalment meta wiehed jirreferi ghax-xhieda u dokumenti tal-istess partijiet intizi biss biex ihamgu wiehed lil iehor .

Fil-kamp civili, għal dak li hu apprezzament tal-provi, l- kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal- hajja, verosimili.

Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku t'azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti għall konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal- probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil- kamp kriminali, fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli."

In oltre, kif gie affermat fis-sentenza fl-ismijiet I Stella Borg vs Joseph Cassar et deciza nhar il-hamsa w ghoxrin (25) t'April 2002 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili:-

“Il-gudikant, fil-kamp civili, għandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal għandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hi bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. U dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-htiega trid tirrizulta minghajr ma thalli ebda dubju ragonevoli.”

għal dak li huwa apprezzament tal-provi, il-kriterju determinanti mhuwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx dak li jkun gie spjegat lilu, izda jekk dawk l- ispjegazzjonijiet humiex verosmili fic-cirkostanzi svarjati tal-hajja (Borg vs Bartolo– Appell Inferjuri – 25 ta’ Gunju 1980).

Il-grad ta’ prova rikjest fil-kamp civili huwa dak li bizzejjed li jkun inissel certezza morali f’mohh il- gudikant li tkun indotta minn preponderanza ta’ provi meqjusa fuq bilanc ta’ probabilitajiet (Caruana vs Laurenti – Prim’Awla tal-Qorti Civili – 8 ta’ April 1994 ; Borg vs Manager ta’ l-Intrapriza tal-Halib – Prim’Awla tal-Qorti Civili – 17 ta’ Lulju 1981; Vassallo vs Pace - Vol.LXX.II.144 u Zammit vs Petrococchino – Appell Kummercjali – 25 ta’ Frar 1952).

Kif inghad fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri nhar it-tmienja w ghoxrin (28) t’April 2004 fl- ismijiet Emanuel Ciantar vs U Curmi noe:-

“Fil-kamp civili l-piz tal-prova huwa mixhut fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah. B'danakollu, f'kawza civili, d-dolo jista' jiġi stabbilit anke permezz ta'presunzjonijiet w indizji, purke s'intendi jkunu serji, precizi u konkordanti, b'tali mod li ma jhallu l-ebda dubju f'min hu msejjah biex jiggudika.

Huwa ben maghruf, f'materja konsimili, li mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil- provi, għandhom ihallu lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fihom, ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta jew jkollha b'konsegwenza taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo.

Illi għalhekk huwa fid-dawl tal-premess li l-perit legali ser tirrelata dwar it-talbiet tal-attur u l-eccezzjonijiet tal-konvenuta.

(2) setgħa ta' ġenitur

L-attur fl-ewwel talba tiegħu qed jitlob kif gej:

Tiddikjara u tiddeciedi li l-intimata għandha tigi mnehhija mil-jeddijiet kollha ta' setgħa tal-ġenitur jew minn dik il-parti mill-istess jeddijiet, hekk kif jidhrilha xierqa din l-Onorabbli Qorti, fil-konfront ta' dawk il-jeddijiet li hija tgawdi fuq l-minorenni C D B u dan ai termini tal-Artikoli 154(1)(a)(b) u (e ) jew liema minnom tal-Kapitolu 16 tal-liġijiet ta' Malta.

In tema legali fuq dan l-aspett tal-vertenza għandu jinghad li għalkemm il-prassi hi li sew fil-kuntratti kif ukoll fis-sentenzi wiehed jitratta dwar "kura u kustodja" tal-minuri fl-ambitu ta' separazzjoni, divorzju jew ftehim dwar minuri, dak li komunement tissejjah 'kura u kustodja' effettivament qed tirreferi ghas-"setgħa ta' ġenitur".  Tant li min jiġi b'sentenza jew kuntratt eskluz mil-kura u kustodja effettivament jiġi eskluz minn kwalunkwe setgħa fid-decizjonijiet li jolqtu lill-minuri fir-rigward ta' dawk l-aspetti tas-setgħa ta' ġenitur li jkunu gew eccettwali.

għalhekk il-perit legali qed tiratta l-ewwel talba tal-attur fejn l-missier qed jitlob li jinghata esklussivament s-setgħa ta' ġenitur fuq il-minuri ad eskluzzjoni tal-omm.

Illi l-partijiet mhumiex mizzewgin u l-liġi ma taghmilx distinzjoni bejn ulied li l-ġenituri taghhom huma maghqudin fiz-zwieg u ġeniture li ma h'humiex maghqudin fiz-zwieg. Bhala ezempju l-Artikolu 7 tal-Kap 16 li jghid testwalment li "Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B."

L-artikolu 90 tal-Kap 16 jipprovdi illi:

"(1) Il-ġenitur li jkun gharaf b'ibnu tifel imnisel u imiwled barra miz-zwieg għandu dwaru d-drittijiet kollha tas-setgħa tal-ġenituri minbarra l-uzufrutt legali.

(1) jekk l-interessi tat-tifel hekk jehtiegu l-Qorti tista tordna li wiehed jew wahda biss mil-ġenituri jeżerċita jew teżerċita d-drittijiet tas-setgħa tal-missier; il-qorti tista wkoll tillimita l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet u f'kazijiet serji, teskludi liz-zewg ġeniture mill-eżerċizzju ta' dawk is-setgħat."

Anke l-artikoli 47, 56, 57 u 61 tal-Kodici Civili huma kollha indikattivi li l-Qorti f'kazijiet fejn hemm involuti t-tfal għandha tara li l-gid taghhom jithares, li l-interess suprem tal-minuri dejjem jipprevalu fuq l-interess tal-kontendenti fil-kawza sia jekk dawk il-kontendenti jkunu mizzewgin u sia jekk il-kontendenti, bhal ma huma f'dan il-kaz m'humiex mizzewgin.

Stabillit li l-Qorti għandha l-poter tordna li wiehed biss mil-ġenituri jeżerċita jew teżerċita d-drittijiet tas-setgħa ta' ġenitur, jehtieg li jiġi stabbilita jekk jezistux cirkostanzi li jwallu lil Qorti tiddeciedi li jkun fl-ahjar interess tal-minuri li s-setgħa tal-ġenitur tkun jew f'idejn esklussivament l-omm jew f'idejn ekslussivament il-missier jew inkella f'idejn it-tnejn.  Tali decizjoni għandha tkun ibbazata esklussivament fuq dwar f'inhu l-ahjar interess tal-minuri.

Fir-rigward jekk is-setgħa għandhiex tinghata esklussiavment mil-missier il-perit legali taghmel is-segwenti konsiderazzjoni cioe li kull parti ghamlet krucjata f'din il-kawza u fil-kawza fl-ismijiet inversi sabiex izzomm lil minuri il boghod mil-parti l-ohra. Din hassa hafna t-tifel ukoll kif spjegat il-psikologa Carmen Sammut ferm tajjeb fir-rapport taghha.

Qabel ma l-perit leglai tikkunsidra x'inhu fl-ahjar interess tal-minuri f'dan ir-rigward rilevanti jiġi ezaminat x'inhu dak li effettivament qed jiġi kontestat bejn il-partijiet u cioe f'hiex tikkonsisti 'S-setgħa TAL-ġenitur' li hija tant kontestata bejn iz-zewg ġenituri.

Il-Kodici Civili jitratta s-setgħa tal-ġenituri taht Titolu IV intitolat "Fuq is-setgħa tal-ġenituri."  Il-provvedimenti leglai saljenti huma s-segwenti:

Artikolu 131

"(1) L-iben huwa suggett ghas-setgħa tal-ġenituri tiegħu għall-effetti kollha kif stabbiliti bil-liġi.

(2) Hlief f'dawk il-kazijiet stabbiliti bil-liġi, din is-setgħa tkun eżerċitata bi ftehim bejn iz-zewg ġenituri.  Wara l-mewt t'a wiehed mil-ġenituri tkun tkun eżerċitata mil-ġenitur li jibqa haj.

(3) Il-qorti, wara li tkun semghet lill-ġenituri u lit-tifel jekk dan ikun lahaq l-eta ta' erbatax-il sena għandha taghmeld awk is-suggerimenti li jidhrilha l-ahjar fl-interess tat-tifel u l-ghaqda tal-familja.  Jekk ikompli n-nuqqas ta' qbil bejn il-ġenituri l-Qorti għandha tawtorizza lil ġenitur li fil-fehma taghha jkun l-ktar xieraq li jhars l-interess tat-tifel fil-kaz partikolari li jiddeciedi l-kwisjtoni bhal hsara ghad-disposizzjonijiet tal-artikolu 149.

Omissis

Il-liġi taghna tipprovdi meta l-Qorti għandha tnehhi s-setgħa ta' ġenitur min idejn ġenitur u dan permezz tal-artikolu 154 tal-Kap 16.  L-attur qed jibbaza din l-ewwel talba tiegħu fuq l-artikoli 154(1)(a)(b) u ( e ) jew liema minnhom tal-Kap 16 tal-liġijiet ta' Malta

Artikolu 154 tal-Kap 16 jipprovi illi:

(1) Bla hsara ta' kull peina ohra li għaliha jista jkun suggett skont il-liġi, il-ġenitur jist ajiġi mnehhi mil-qorti hawn fuq imsemmija, mill-jeddijiet kollha ta' setgħa tal-ġenituri, jew minn bicca minnhom, f'kulll wiehed mil-kazijiet li gejjin:

(a) Jekk il-ġenitur, billi jaghti kastig barra mil-qies, jahqar lit-tifel jew jitraskura l-edukazzjoni tiegħu;

(b) Jekk l-imgieba tal-ġenitur tista taghmel hsara lit-trobbija tat-tifel;

Omissis

(e ) jekk il-ġenitur jonqas li jaqdi xi wiehed mill-obbliġi msemmija fl-artikolu 3B favur it-tifel.

(2) Madankollu , l-qorti tista , ukoll fil-kazijiet imsemmijin fis-subartikolu (1) terga tqeighed lill-ġenitur fl-eżerċizzju tal-jeddijiet li tkun tellfitu jekk ma tibqax ir-raguni li għaliha tkun telfitu dawk il-jeddijiet. "

Artikolu 3D tal-Kodici Civili jitratta dwar id-dmir tal-mizzewgin lejn l-ulied u dan bla hsara għall-obbliġi tal-ġenituri naturali tal-wild u f'kull kaz bla hsara ghad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 149.

Artikolu 149 tal-Kap 16 jaghti setgħa tal-qorti li taghti ordnijiet minkejja dispizizzjonijiet ohra li jidhrilha xieraq fl-ahjar interessi tat-tifel.

Illi għalhekk jehtieg ragunijiet gravi u serji sabiex ġenitur jiġi mcahhad mis-setgħa ta' ġeniture u kuntrasti bejn il-ġenituri ma humiex per se ragunijiet bizzejjed sabiex il-Qorti icahhad ġenitur mis-setgħa ta' ġenitur. Dan għaliex f'kawzi ta' din ix-xorta tista tghid li dejjem hemm kuntrasti bejn il-partijiet dwar dak li jikkoncerna l-minuri. Kieku kull fejn hemm kuntrast ejn il-ġenituri jwassal li xi had mil-ġenituri jitlef l-awtorita ta' ġenitur kieku t-telfien ta' dik l-awtorita kienet ktun ir-regola u mhux l-eccezzjoni. Izda l-perit leglai hi tal-fehma li l-liġi tpoggi c-cahda tal-awtorita ta' ġenitur bhala ecccezzjoni u mhux ir-regola u li jehtieg li jissustu ragunijiet serji u gravi sabiex ġenitur jiġi mcahhad mis-setgħa ta' ġenitur li jgawdi bis-sahha tal-liġi.

Examinati l-provi kollha akwiziti, l-perit legali ma tirriskontratx l-estremi sabiex kif qed isostni l-attur l-konvenuta tigi mcahda mis-setgħa ta' ġenitur. Dwar mohqrija l-attur ipprezenta ritratti ta' grif li ra fit-tifel meta jmur għandu l-aċċess – izda bhala tifel ta' tmien snin li jipprattika martial arts u l-atletika u l-iskola ma tistghax tippretendi li ma jkollux grif jew li tikkonstata li dan gej minn mohqrija da parti tal-omm. Jekk kien hemm mohqrija kienet gejja miz-zewg partijiet meta lil dan it-tifel uzawh bhala ghodda kontra xulxin. Kif lanqas gie pruvat li l-omm naqset li taqdi l-obliġi taghha bhala omm jew li l-imgieba taghha qed taghmel hsara lit-tifel. Veru li hija għandha partner kif għandu l-attur fil-prezent u veru li l-attur jinkwieta li jekk huwa veru dak li xehed li t-tifel imur jorqod f'nofs l-konvenuta u l-partner taghha jekk iqum bil-lejl u dan ma għandux ikun, izda ma jirrizultax li dan jammonta u huwa tant gravi li l-omm għandu jittiehdilha s-setgħa ta' ġenitur.

għaldaqstant din l-ewwel talba tal-attur fl-umli fehma tal-perit legali għandha tigi michuda stant eli ma jezistux c-cirkostanzi gravi kontemplati fil-liġi li jiggustifikaw li fl-interess tal-minuri l-Qorti tnehhi s-setgħa tal-ġenitur minn fuq iz-zewg ġenituri u tigi fdatha esklussivament lill-attur. għaldaqstant s-setgħa tal-ġenituri dwa ril-minuri għandha tigi fdatha liz-zewg ġeniture konguntivament.

(3)Kura u Kustodja

Fit-tieni talba tiegħu l-attur qed jitlob hekk:

Tiddikjara u tiddeciedi li r-rikorrenti għandu jiġi fdat bil-kura u l-kustodja esklussiva tal-minorenni C D B u dan fl-interess suprem tal-istess minorenni.

Illi fuq dan is-suggett jinghad li kienu hafna s-sentenzi moghtija minn dawn il-Qrati. Illi fis-sentenza moghtija minn Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza Susan Ellen Lawless vs Il Recerendo George Lawless deciza 8.12.1858 (Vol I, 180) inghad illi "la cura ed educazione dei figli nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra I conjugi che si riconescera piu atto ed idoneo a curarli ed educarli avuto riguardo alla loro eta ed a tutte le circostanze del caso – sotto quei provvediment che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli. "

John Cutajar vs Amelia Cutajar Prim Awla 8.1.1956 Vol XL.II.714

Giuseppe Scicluna vs I Scicluna pro et noe prim Awla 31.5.1958 Vol XLII.ii.1068

Yolanda Formosa vs Maggur Frank Formosa Prim Awla 10.6.1964 (Vol XLVIII.ii.1033)

Monique Grecula vs Ronald Allen Grecula Prim Awla 6.3.2002

Sylvvia Melfi vs Philip Vassallo Qorti tal-Appell 25..11.1998ejn dik l-Onorabli Qorti qalet illi:

"In this case the court must to do what is in the sole interest of the minor child. In its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child.

The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective o the allegation, true or false, made against each

other by the parties.  Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child.  Exaggerated controversies between the parties oftehn make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child. “

Illi ifl-kawza fl-ismijiet L-Avukat Dottor Stephen Thake noe et vs Joseph Portelli deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-4 ta’ Novembru 1994 hemm is-segwenti bran li hu ta’ interess mhux zghir għal kawzi li jigu quddien din l-Qorti.  Il-parti interessanti ta’ din is-sentenza ser tigi kkwotata kelma b’kelma:

“Id-domanda li ghamlet l-attrici fil-kawza se tigi ripetuta verbatim sabiex tigi ccarata l-pozizzjoni giuridika korretta tal-kaz prezenti. Din tghid:

Jghid il-konvenut għaliex m’għandhiex din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi: Fl-ahjar interess tal-imsemmi minuri James Joseph Portelli tordna li l-kura u l-kustodja tal-istess minuri James Joseph Portelli tigi fdata lill-imsemmija ommu Tracy Portelli llum Sample u taghti dawk il-provvedimenti kollha illi jkunu opportuni f’dan ir-rigward.

Illi dan jorbot il-Qorti li ma tistax – minn jeddha – tohrog barra mit-termini li jimpurtawlha l-partijiet (hlief fil-kazijiet u l-interessi tal-minuri hekk jehtiegu) u għalhekk hafna mill-fatti u konsiderazzjonijiet li gew imsemmija – u li majattjenux ghad-domanda, m’humiex verament rilevanti.”

Illi l-perit legali mehud in konsiderazzjoni dak li qalet il-Qorti tal-appell f'dan ilkaz hawn appena citat tifhem li f'certa kazijiet l-Qorti tista tohrog barra mit-termini li jimpurtawlha l-partijiet tac-citazzjoni u fit-talbiet taghhom jekk l-interessi tal-minuri hekk jehtiegu u li "fl-ahhar mill-ahhar hija biss il-Qorti li hi l-arbitru finali ta' x'inhu l-interess tal-minuri u kull direzzjonit aghha trid tkun ezaminata minn din l-ottika u hekk motivata." (principju stailit fil-kawza Ronald Apap vs ruby Ritchie pro et no Appell Civili 27.10.1995 -LXXIX.ii.624).

Id-decizjoni għalhekk ma għandhiex tkun imsejsa fuq x'jaqbel lil parti izda x'jaqbel lil minuri. Hafna draba tali talbiet isiru proprjament biex ġenitur jiġi eskluz mit-trobbija ta' wliedu u qed nispicca sfortunatament bi tfal jitrabbew bhala iltiema meta għandhom iz-zewg ġenituri ghadhom hajjin.

Illi mil-provi kif prodotti u anke in vista ta' dak li diga gie relatat mil-perit legali għal dak li jirrigwarda l-ewwel talba tal-attur, tali talba għandha tigi michuda u l-kura u kustodja tal-minuri għandha tigi fdatha lil partijiet konguntivament ghax dan jitlob l-interess suprem tal-minuri .

(4)Residenza tal-Minuri

L-attur qed jitlob li l-minuri jibda jirrisjedi mieghu. Il-perit legali hija tal-fehma li in vista li l-minuri ilu jghix mal-omm għal dawn l-ahhar hames snin ma jkunx ghaqli li l-minuri jitnehha mid-dar fejn ilu jghix b'mod stabbli għal dawn is-snin u jmur jghix ma' missieru.

Izda hija tal-fehma li l-omm cioe l-konvenuta ma għandhiex tippermetti li l-minuri jorqod fil-kamra jew fis-sodda fejn hija torqod mal-partner taghha.

(5)Aċċess favur il-konvenuta

Din it-talba qed tigi michuda anke in vista li l-ewwel tlett talbiet tal-attur gew michuda f'din ir-relazzjoni.

(6)Manteniment

Tali talba għandha tigi michuda cioe li l-konvenuta tghaddi manteniment lill-attur għal binhom minuri u dan stante li l-ewwel tlett talbiet tal-attur gew michuda f'din ir-relazzjoni u għalhekk il-manteniment għandu jinghata mill-attur lil konvenuta kif relatat fil-kawza 244/15 AL fl-ismijiet inversi.

(7)Assistenza Statali

Din it-talba sabiex kwalunkwe assistenza statali mhalsu versu l-htigijiet tal-minuri tigi percepit mill-attur ad eskluzjoni tal-konvenuta għandha wkoll tigi michuda tenut kont li t-tifel jirrisjedi mal-Omm.

Tali assistenza statali għandha tigi percepita mill-Omm.'

Rat id-dokumenti li ġew esebiti, il-provi li ġew prodotti u l-atti kollha ta' dan il-proċediment;

Rat illi l-kawża ġiet differita għal-lum sabiex tingħata s-sentenza.

Ikkunsidrat:

KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI

Il-Qorti tirrileva illi l-abbli Perit Legali ħadet konsiderazzjoni profonda u akkurata tax-xiehda kollha miġjuba quddiemha, kif ukoll ta' dawk id-dokumenti esebiti direttament fl-atti tal-kawża. Illi l-Qorti għandha konvinċiment morali sħiħ li hija tista' sserraħ fuq il-konklużjonijiet peritali fid-deċiżjoni tagħha. Madanakollu, l-Qorti xorta ser tgħaddi biex tagħmel l-osservazzjonijiet u l-konklużjonijiet tagħha, tenut kont anke tan-noti tas-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Setgħa ta' ġenitur

Fl-ewwel talba tiegħu, ir-rikorrent jitlob li l-intimata tiġi mneħħija mill-jeddijiet kollha ta' setgħa ta' ġenitur jew parti minn dawn is-setgħat li tgawdi fuq binhom minuri C.

Il-liġi tafda lill-Qorti fakolta' tassew wiesgħa sabiex tagħti dawk il-provvedimenti kollha li jidhrilha xieraq fl-interess suprem tal-minuri, u tippermetti li s-setgħa ta' ġenitur tiġi revokata jekk iċ-

ċirkostanzi partikolari tal-każ ikunu hekk jeħtieġu. L-Artiklu 90 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi hekk:

'(1) Il-ġenitur li jkun għaraf b'ibnu tifel imnissel umwieled barra miż-żwieġ għandu dwaru d-drittijiet kollha tas-setgħa tal-ġenituri minbarra l-użufrutt legali.

(2) Jekk l-interessi tat-tifel hekk jeħtieġu, il-qorti tista' tordnali wieħed jew waħda biss mill-ġenituri jeżerċita jew teżerċita d-drittijiet tas-setgħa tal-ġenitur.

(3) Il-qorti tista' wkoll tillimita l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet u, f'każijiet serji, teskludi liż-żewġ ġenituri mill-eżerċizzju ta' dawk is-setgħat.

(4) Il-Qorti tista' wkoll tillimita l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet meta wieħed jew iż-żewġ ġenituri huma akkużati b'reat wieħed jewaktar imniżżel taħt it-Titolu VII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali.'

Stabbilit illi l-Qorti għandha l-poter tordna li wieħed biss mill-ġenituri jeżerċita d-drittijiet tas-setgħa ta' ġenitur, jeħtieġ li jiġi stabbilit jekk jeżistux ċirkostanzi li jwasslu lill-Qorti tiddeċiedi li jkun fl-aħjar interess tal-minuri de quo li s-setgħa tal-ġenitur tkun jew f'idejn esklussivament il-missier, jew inkella tibqa' f'idejn it-tnejn.

Il-liġi tagħna tindika wkoll meta l-Qorti għandha tneħħi is-setgħa ta' ġenitur mingħand ġenitur.

L-Artikolu 154 tal-Kap. 16 jipprovdi illi:

"(1) Bla ħsara ta' kull piena oħra li għaliha jista' jkun suġġett skont il-liġi, il-ġenitur jista' jiġi mneħħi mill-qorti hawn fuq

imsemmija, mill-jeddijiet kollha ta' setgħa tal-ġenituri, jew minn biċċa minnhom, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) jekk il-ġenitur, billi jagħti kastig barra mill-qies, jaħqar lit-tifel, jew jittraskura l-edukazzjoni tiegħu;

(b) jekk l-imġieba tal-ġenitur tista' tagħmel ħsara lit-trobbija tat-tifel;

(ċ) jekk il-ġenitur huwa interdett, jew inabilitat li jagħmel xi atti, kif jingħad fl-artikoli 520 sal527 inklużivament tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u fl-artikoli 189 u 190;

(d) jekk il-ġenitur jamministra ħażin ħwejjeġ it-tifel;

(e) jekk il-ġenitur jonqos li jaqdi xi wieħed mill-obbliġi msemmija fl-artikolu 3B favur it-tifel.

(2) Madankollu, il-qorti tista', ukoll fil-każijiet imsemmijin fis-subartikolu (1), terġa' tqiegħed lill-ġenitur fl-eżerċizzju tal-jeddijiet li tkun tellfitu, jekk ma tibqax ir-raġuni li għaliha tkun tellfitu dawk il-jeddijiet"

Taħt l-Artiklu 149 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti hija mogħtija diskrezzjoni sabiex:

'B'dak kollu li jinsab f'kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi, il-qorti tista', jekk tiġi murija raġuni tajba, tagħti dawk l-ordnijiet dwar il-persuna jew il-proprjetà ta' persuna li tkun taħt l-età kif jidhrilha xieraq fl-aħjar interessi tat-tifel.'

Dan kollu juri li l-liġi għandha għal qalbha fuq kollox il-ġid tal-minuri in kawża, u tagħti s-setgħa lill-Qorti sabiex f'kull waqt, meta jidhrilha li l-interess suprem tal-minuri hekk ikun jiddetta, hija tagħti dawk il-provvedimenti kollha  neċessarji għall-ġid fiżiku u mentali tal-istess minuri.

Stabbilit dan, jingħad illi jeħtieġu raġunijiet tassew gravi u serji sabiex ġenitur jiġi mneħħi mis-setgħa fuq ibnu jew bintu. Kif għamlet f'sentenzi simili, din il-Qorti tirribadixxi illi kuntrasti bejn il-ġenituri ma humiex raġunijiet biżżejjed sabiex il-Qorti ċċaħħad ġenitur mis-setgħa ta' ġenitur. Dan jingħad ukoll għaliex f'kawżi ta' din l-ispeċi, spiss ikun hemm kuntrasti bejn il-partijiet, iżda żgur illi jeħtieġu raġunijiet iżjed serji minn diżġwidi u battibekki bejn il-ġenituri sabiex ġenitur jasal biex jitlef l-awtorita' ta' ġenitur.

Eżaminati l-provi kollha in atti, l-Qorti ma rriskontratx episodji ta' moħqrija jew nuqqasijiet da parti tar-rikorrenti illi taqdi l-obbligi tagħha ta' omm u żżomm lit-tifel fi stat tajjeb. Ebda prova mressqa mir-rikorrent ma timmerita t-tneħħija tal-intimata mis-setgħa ta' ġenitur fuq binha. Din il-konklużjoni ssib konfort f'dak irrelatat mill-Perita Psikologa Carmen Sammut fir-rapport tagħha , li fl-ebda ħin ma sabet li xi wieħed miż-żewġ ġenituri ma kienx idoneju sabiex jitħalla jeżerċita s-setgħa ta' ġenitur fuq il-minuri C.

Għalhekk il-Qorti qiegħdha tabbraċċja u tadotta l-konklużjoni tal-Perit Legali li ma jeżistux l-estremi sabiex, kif qed jitlob ir-rikorrent, l-intimata tiġi mċaħħda mis-setgħa' ta' ġenitur.

Kura u Kustodja

Illi b'żieda ma' dak diġa' kkunsidrat u konkluż taħt l-intestatura preċedenti, l-Qorti hija msejjħa wkoll li tistħarreġ it-talba tar-rikorrent għall-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri.

Illi huwa ritenut fil-ġurisprudenza tagħna u kif ġa kkunsidrat aktar 'l fuq, f'każijiet ta' din ix-xorta, l-Qorti għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri.

Fil-kawża fl-ismijiet Sylvia Melfi vs. Philip Vassallo , ġew enunċjati s-segwenti prinċipji:

"The Court should at all times seek the best interest of the child irrespective of the allegations, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child."

Illi ngħad ukoll fil-kawża fl-ismijiet John Cutajar vs. Amelia Cutajar et u I Dolores sive Doris Scicluna vs. N Scicluna illi "apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."

Il-Qorti għaldaqstant għandha s-setgħa illi jekk ikun fl-aħjar interess tal-minuri, tafda wieħed biss mill-ġenituri bil-kura u l-

kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili.  Illi kif kellha l-okkażjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri "Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem tagħti piż għad-drittijiet tal-ġenituri, l-interess suprem li żżomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġjurisprudenza kostanti tagħna ..."

Fil-każ odjern, eżaminati l-provi kollha mressqa mill-partijiet, din il-Qorti ma jirriżultala bl-ebda mod illi l-interess suprem tal-minuri jiddetta illi l-omm għandha titlef il-kura u l-kustodja tiegħu. Għal kuntrarju, il-Qorti hija tal-fehma illi huwa propju fl-interess tal-minuri illi ż-żewġ ġenituri jkollhom il-kura u l-kustodja konġunta tiegħu u jkunu involuti b'mod attiv f'ħajtu. Dak li hu żgur ukoll hu li jkun fl-aħjar interess tiegħu illi ż-żewġ partijiet jagħrfu jħallu warajhom dak li ġara bejniethom u r-risentiment li jista' jkollhom għal xulxin sabiex itejbu r-relazzjoni ta' bejniethom u finalment jagħtu ħajja iżjed tranwkilla u eżempju aħjar lil binhom.

Fl-isfond ta' dan kollu għalhekk il-Qorti sejra tiċħad it-tieni talba tar-rikorrent.

Residenza tal-Minuri

Ir-rikorrenti jitlob lill-Qorti sabiex tordna lill-minuri jirrisjedi miegħu. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, jagħmel ukoll referenza għal dik li tissejjaħ 'shared residence' u b'referenza għal ġurisprudenza nostrana jissottometti illi għalkemm hija n-norma illi t-tfal ikollhom residenza speċifika waħda u rutina, fil-każ in eżami, il-minuri għandu bażi tajba miegħu daqs kemm għandu mal-intimata, jekk mhux aħjar. Għalhekk huwa tal-fehma

illi aktar ħin miegħu ma huwiex ser jagħmel ħlief ġid lit-tifel u lir-relazzjoni ta' bejniethom.

Filwaqt li din il-Qorti tapprezza dak li jissottometti r-rikorrent u tifhem illi dan huwa ddettat mix-xewqa tiegħu illi jqatta' iżjed ħin ma' ibnu, bħal ma hawn fuq diġa' enunċjat, hija ma tistax tpoġġi l-ewwel ix-xewqat tal-partijiet a skapitu tal-aħjar interess tal-minuri. Il-minuri in kwistjoni, diġa' għadda minn ħafna dwejjaq u tħarbit u ċaqliq ulterjuri mir-rutina li ilu issa mdorri biha, tista' sservi biss ta' trawma ulterjuri għal dan it-tifel.

Għalhekk din il-Qorti hija tal-fehma illi għalkemm huwa fl-aħjar interess tal-minuri illi jkollu relazzjoni ampja u sana mal-missier, huwa wkoll fl-interess tiegħu illi ma tiġiex imfixxkla l-bażi u l-istabilita' li għandu preżentement. Fid-dawl ta' dan kollu, it-tielet talba tar-rikorrenti ser tiġi miċħuda.

Din il-Qorti tabbraċċja wkoll il-konklużjoni tal-Perit Legali illi l-intimata ma għandhiex tippermetti li l-minuri jorqod fil-kamra jew fis-sodda magħha u mal-partner tagħha.

In vista ta' dak hawn fuq ikkunsidrat u deċiż, ir-raba', l-ħames, is-sitt u s-seba' talbiet tar-rikorrenti wkoll ser jiġu miċħuda.

DEĊIDE

Għalhekk, għar-raġunijiet kollha suesposti, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tiċħad l-ewwel talba tar-rikorrenti, b'dan illi s-setgħa ta' ġenituri fuq il-minuri C D B għandha tibqa' taż-żewġ partijiet flimkien.

2. Tiċħad it-tieni talba tar-rikorrenti b'dan illi l-kura u l-kustodja tal-minuri għandha tibqa' taż-żewġ partijiet konġuntivament.

3. Tiċħad it-tielet talba.

4. Tiċħad ir-raba' talba.

5. Tiċħad il-ħames talba.

6. Tiċħad is-sitt talba.

7. Tiċħad is-seba' talba.

Bl-ispejjeż tal-kawża kontra r-rikorrent.